Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, Il-Kumitat għas-Sigurtà fl-Ikel
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2025/0422(COD)

26.6.2026

EMENDI
1 - 170

Proċedura simplifikata mingħajr abbozz ta' rapport (Artikolu 52)
Michael Bloss, Andreas Schwab, Merja Kyllönen

Emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006, (UE) 2018/858, (UE) 2019/2144 u (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri tat-testjar għall-vetturi motorizzati u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE u r-Regolament Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Proposta għal regolament
(COM(2025)0993 – C10-0354/2025 – 2025/0422(COD))

Emenda 1
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-kompetittività*** Ewropea[3] ***enfasizza li l-għadd u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u jipprevjenuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata*** tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006[4], (UE) 2018/858[5], (UE) 2019/2144[6] u (UE) 2024/1257[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***indikat ukoll il-piż*** amministrattiv eċċessiv u l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. ***Abbażi ta' dawk is-sejbiet, huwa xieraq*** li jiġu ssimplifikati ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku u li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negozji u għall-awtoritajiet, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi.	(1) ***Fil-linji gwida politiċi tagħha għall-mandat tal-Kummissjoni*** Ewropea ***għall-2024–2029, il-President von der Leyen iddeskriviet viżjoni ġdida għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa, inkluż patt għal industrija nadifa biex jappoġġa u joħloq il-kundizzjonijiet it-tajba għall-kumpaniji biex jilħqu l-għanijiet komuni tagħna. Abbażi tal-iskambji li saru fil-qafas tad-djalogu strateġiku dwar il-futur tal-industrija awtomobilistika u abbażi ta' stħarriġ mibgħut mill-Kummissjoni lil aktar minn 130 parti kkonċernata, il-Kummissjoni identifikat disa' emendi*** tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006[4], (UE) 2018/858[5], (UE) 2019/2144[6] u (UE) 2024/1257[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***li jistgħu jnaqqsu l-piż*** amministrattiv eċċessiv u l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. ***Dawn l-emendi għandhom l-għan*** li jiġu ssimplifikati ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku u li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negozji u għall-awtoritajiet, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi***, u lanqas is-sikurezza tal-utenti tat-toroq, inklużi dawk vulnerabbli bħall-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti***.

3 https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_mt

4 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta'

3 https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_mt

4 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta'

ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta'

ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta'

vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

Or. en

Emenda 2
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Daniel Attard, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-kompetittività Ewropea[3] enfasizza li l-għadd u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u jipprevjenuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006[4], (UE) 2018/858[5], (UE) 2019/2144[6] u (UE) 2024/1257[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill indikat ukoll ***il-piż amministrattiv eċċessiv u*** l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. Abbażi ta' dawk is-sejbiet, huwa xieraq li jiġu ssimplifikati ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni	(1) Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-kompetittività Ewropea[3] enfasizza li l-għadd u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u jipprevjenuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006[4], (UE) 2018/858[5], (UE) 2019/2144[6] u (UE) 2024/1257[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill indikat ukoll ***il-ħtieġa li jiġi vvalutati mill-ġdid il-proċessi amministrattivi sabiex jitnaqqsu*** l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. Abbażi ta' dawk is-sejbiet, huwa xieraq li jiġu ssimplifikati ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet

relatata mas-settur awtomobilistiku ***u li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negozji u għall-awtoritajiet***, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi.

kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi ***u tal-okkupanti tagħhom, inkluż għal utenti vulnerabbli tat-triq, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri għas-sewwieqa***.

---

3 https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_mt

4 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

6 Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-

3 https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_mt

4 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

6 Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batteriji tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

Or. en

Emenda 3
Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-kompetittività Ewropea[3] enfasizza li l-	(1) Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-kompetittività Ewropea[3] enfasizza li l-

għadd u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u jipprevjenuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006[4], (UE) 2018/858[5], (UE) 2019/2144[6] u (UE) 2024/1257[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill indikat ukoll il-piż amministrattiv eċċessiv u l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. Abbażi ta' dawk is-sejbiet, huwa xieraq li jiġu ssimplifikati ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku u li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negozji u għall-awtoritajiet, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi.

għadd u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u jipprevjenuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006[4], (UE) 2018/858[5], (UE) 2019/2144[6] u (UE) 2024/1257[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill indikat ukoll il-piż amministrattiv eċċessiv u l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. Abbażi ta' dawk is-sejbiet, ***u biex tiġi ppreżervata l-kompetittività tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej,*** huwa xieraq li jiġu ssimplifikati***, jew saħansitra eliminati,*** ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku u li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negozji u għall-awtoritajiet, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi.

---

3 https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en

4 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

3 https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en

4 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj).

5 Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Le seuil assoupli des 10% de véhicules thermiques neufs autorisés à horizon 2035 (dans le cadre de la clause de revoyure du Pacte Vert européen) n'est pas assez ambitieux compte tenu de l'ampleur des enjeux financiers et conjoncturels auxquels la filière automobile doit faire face : par conséquent, pour préserver à terme la compétitivité des constructeurs européens, il conviendrait de suspendre, ou même de supprimer, les objectifs irréalisables du "Pacte Vert" européen, ainsi que les objectifs annoncés dans le projet de règlement 2019/631 qui prévoit notamment de nouvelles règles contraignantes pour les constructeurs européens en matière d'approvisionnement en acier bas carbone.

Emenda 4
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Filwaqt li ċerti rekwiżiti jistgħu jiġu ssimplifikati sabiex jiġu evitati piżijiet u kostijiet bla bżonn għan-negozji u l-awtoritajiet, ta' min ifakkar li, bl-adozzjoni ta' rekwiżiti tas-sikurezza robusti u li jħarsu 'l quddiem, l-UE qiegħda tistabbilixxi standards b'effetti pożittivi fuq is-settur awtomobilistiku u l-kompetittività tiegħu billi ssaħħaħ ir-reputazzjoni tal-marki tagħha f'termini tas-sikurezza u billi tinfluwenza b'mod qawwi d-dibattitu internazzjonali dwar l-istandardizzazzjoni, b'mod partikolari fin-NU/KEE. Dan jenħtieġ li jitqies ukoll meta jiġu diskussi aktar simplifikazzjonijiet u derogi għar-rekwiżiti eżistenti.

Or. en

Emenda 5
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE[8] appella għal pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika***, billi*** jittejbu l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti.	(2) Il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE[8] ***irrikonoxxa li l-qafas regolatorju eżistenti jipprovdi prevedibbiltà u jgħin biex jintlaħqu l-objettivi kondiviżi tal-ordni pubbliku tagħna, filwaqt li*** appella għal pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika ***biex*** jittejbu l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti.
[8] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew (COM(2025) 95 final).	[8] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew (COM(2025) 95 final).

Or. en

Emenda 6
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE[8] appella għal pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika, billi jittejbu l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti.	(2) Il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE[8] appella għal pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika, billi jittejbu l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti ***u jitnaqqas il-piż amministrattiv***.
[8] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni	8 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni

Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew (COM(2025) 95 final).	Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew (COM(2025) 95 final).

Or. ro

Emenda 7
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Andreas Schwab, Jens Gieseke

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-pass mgħaġġel tal-iżvilupp teknoloġiku tas-sistemi tas-sewqan awtomatizzat u l-ħtieġa li jkun hemm qafas regolatorju armonizzat jirrikjedu li l-qafas tat-tip attwali jiġi aġġornat u ssimplifikat. Sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti fuq skala, il-limiti ta' serje żgħar li jillimitaw il-volumi tal-produzzjoni ta' vetturi mgħammra b'sistemi tas-sewqan awtomatizzat jenħtieġ li, f'ċerti kundizzjonijiet, jiżdiedu, u l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li jsiru aktar adattivi u gradwati biex jakkomodaw l-iżviluppi teknoloġiċi. Il-vetturi kompletament awtonomi jiġġeneraw id-data operazzjonali rilevanti għas-sikurezza meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip sħiħa biss permezz ta' varar fid-dinja reali. Għalhekk huwa xieraq li tinħoloq, fil-qafas eżistenti tas-serje żgħar, approvazzjoni tat-tip intermedja speċifika rikonoxxuta fl-Unjoni li tippermetti l-ittestjar u l-iskjerament kummerċjali minn qabel ta' vetturi awtomatizzati soġġetti għal dominju tad-disinn operazzjonali definit, monitoraġġ obbligatorju waqt l-użu u perjodu ta' validità limitat. Barra minn hekk, sabiex jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul għall-innovaturi ffukati fuq is-software u titrawwem ekosistema Ewropea kompetittiva għat-teknoloġija tas-sewqan awtomatizzat, il-proċedura eżistenti tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji

jenħtieġ li tiġi adattata biex tippermetti ċ-ċertifikazzjoni indipendenti ta' vettura bażi bħala lesta għal sistema tas-sewqan awtomatizzat (ADS[1a]), li tikkonferma li l-elementi tal-hardware tagħha jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi definiti, sabiex stadju sussegwenti tal-approvazzjoni jkun jista' jkopri l-integrazzjoni tas-software tas-sistema tas-sewqan awtomatizzat biss.

[1a] Definizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1426

Or. en

Emenda 8
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Jens Gieseke

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) In-nuqqas ta' regoli armonizzati għall-ittestjar u l-varar ta' sistemi ta' sewqan awtomatizzat fit-toroq pubbliċi ħoloq ambjent regolatorju frammentat fost l-Istati Membri, li jżid il-kostijiet għall-operaturi u jipprevjeni l-espansjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi armonizzati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li meta vettura awtonoma jew kompletament awtonoma tkun ġiet awtorizzata għall-ittestjar jew għall-varar minn Stat Membru wieħed, jew fil-każ ta' ambjenti tal-ittestjar transfruntiera li huma essenzjali biex tiġi ġġenerata data operazzjonali għall-varar fuq skala sħiħa u għall-aċċettazzjoni pubblika, tali awtorizzazzjoni tiġi rikonoxxuta fit-territorju kollu tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sorveljanza, tali rikonoxximent reċiproku tal-ittestjar u l-varar jenħtieġ li jiġi appoġġat u kkoordinat minn mekkaniżmu

armonizzat għall-ġbir u t-trażmissjoni ta' data operazzjonali ġestita mill-Kummissjoni jew minn korp tal-Unjoni maħtur. Barra minn hekk, finanzjament pubbliku mmirat tajjeb u kkoordinat jista' jaġixxi bħala katalizzatur għall-investiment privat, inaqqas ir-riskju teknoloġiku, jibni l-fiduċja tal-investituri, u joħloq il-kundizzjonijiet li taħthom il-kapital privat jista' jintuża fuq skala kummerċjalment sinifikattiva. Il-konċentrazzjoni tal-finanzjament pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri fuq għadd limitat ta' inizjattivi transfruntiera, fuq skala kbira u b'potenzjal għoli li jintegraw it-teknoloġiji u s-sistemi tas-sewqan awtonomu, inkluż permezz ta' strumenti bħal Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u programmi futuri oħra fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali hija essenzjali biex jiġi massimizzat dan l-effett ta' ingranaġġ.

Or. en

Emenda 9
Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Filwaqt li dan ir-Regolament huwa adottat għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern, is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-vetturi bil-mutur, il-proċeduri tal-ittestjar u r-regoli tal-approvazzjoni tat-tip jappoġġaw ukoll l-objettiv usa' ***tal-Unjoni li trawwem l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati fis-suq*** tal-Unjoni. Billi jippromwovi l-konverġenza regolatorja, l-allinjament mar-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti	(4) Filwaqt li dan ir-Regolament huwa adottat għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern, is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-vetturi bil-mutur, il-proċeduri tal-ittestjar u r-regoli tal-approvazzjoni tat-tip jappoġġaw ukoll l-objettiv usa' tal-Unjoni. Billi jippromwovi l-konverġenza regolatorja, l-allinjament mar-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) u l-implimentazzjoni koerenti tal-acquis tal-Unjoni, dan ir-

(NU/KEE) u l-implimentazzjoni koerenti tal-acquis tal-Unjoni, dan ir-Regolament jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ, għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur awtomobilistiċi Ewropej integrati u għat-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kompetittività tal-ekosistema awtomobilistika Ewropea, mingħajr ma ***tiġi affettwata*** l-awtonomija ***tad-dritt tal-Unjoni jew tat-teħid*** tad-deċiżjonijiet.

Regolament jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ, għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur awtomobilistiċi Ewropej integrati u għat-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kompetittività tal-ekosistema awtomobilistika Ewropea, mingħajr ma ***jiġu affettwati*** l-awtonomija ***u t-teħid*** tad-deċiżjonijiet ***tal-Istati Membri***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L'intégration progressive de pays candidats dans le marché représente un risque supplémentaire pour les constructeurs automobiles européens de voir leurs parts de marché diminuer : dans un contexte de marché particulièrement marqué par la concurrence internationale et extra-européenne, on voit s'implanter des usines asiatiques dans certains pays d'Europe de l'Est dans le simple but de contourner les mesures douanières européennes contre l'importation de véhicules chinois... Cette stratégie n'est pas sans concéquences pour les constructeurs européens et l'intégration, même progressive, de pays candidats pourrait permettre à ces pays de pouvoir coopérer avec les constructeurs asiatiques (en vue d'implantations d'usines ou de marchés de sous-traitance), facilitant ainsi la propagation des véhicules chinois sur le marché européen.

Emenda 10
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Iż-żamma tal-iskeda ta' żmien attwali għall-korrezzjoni ta' Novembru 2026 u ta' Novembru 2027 tal-Fattur ta' Utilità (UF) hija essenzjali biex jiġi żgurat li r-regolamenti dwar l-emissjonijiet tas-CO_2, it-tassazzjoni tal-vetturi u l-informazzjoni għall-konsumatur jirriflettu b'mod preċiż il-prestazzjoni fit-triq tal-vetturi ibridi plug-in (PHEVs). Madankollu, anke wara dawn il-korrezzjonijiet, id-data tad-dinja reali turi li l-PHEVs jikkunsmaw il-petrol, u jarmu minn 1,7 darba sa darbtejn aktar CO_2

milli jissuġġerixxu ċ-ċifri uffiċjali. Għalhekk, mill-2030, il-fattur ta' utilità jenħtieġ li jiġi aġġornat għal PHEVs ġodda skont l-aktar data reċenti tal-Miter tal-Konsum tal-Fjuwil Abbord (OBFCM). Minn dik is-sena, l-UF jenħtieġ li jiġi aġġornat kull sena billi jiġu applikati valuri speċifiċi għall-manifattur ibbażati fuq il-prestazzjoni ta' kull manifattur derivata mid-data tal-OBFCM.

Or. en

Emenda 11
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa, is-sikurezza fit-toroq u l-kompetizzjoni ġusta, ir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] jirrikjedu l-installazzjoni ta' takografu f'vetturi tal-merkanzija b'piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati. Madankollu, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw minn dak ir-rekwiżit il-vetturi msemmija fl-Artikolu 13(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.	(5) Sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa, ***tissaħħaħ*** is-sikurezza fit-toroq u ***tiġi mtejba*** l-kompetizzjoni ġusta, ir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] jirrikjedu l-installazzjoni ta' takografu f'vetturi tal-merkanzija b'piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati***, bħala għodda ewlenija għall-infurzar tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ***. Madankollu, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw minn dak ir-rekwiżit il-vetturi msemmija fl-Artikolu 13(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006***, dment li tali eżenzjonijiet ma jippreġudikawx l-objettivi tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-modi tat-trasport intern, b'mod partikolari t-trasport bit-triq, li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sikurezza fit-toroq u li jiġu promossi prattiki mtejba***

	ta' monitoraġġ u ta' infurzar mill-Istati Membri kif ukoll prattiki tax-xogħol imtejba fl-industrija tat-trasport bit-triq.
[9] Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/165/oj).	[9] Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/165/oj).

Or. en

Emenda 12
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. ***Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tirrappreżenta sforz sinifikanti għall-operaturi u għas-sewwieqa tal-vetturi u tnaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta'*** vetturi kummerċjali ***ħfief elettriċi bil-batterija***.	(6) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. ***Madankollu,*** vetturi kummerċjali ***li jiżnu aktar minn 3,5 tunnellati jkomplu joħolqu riskju serju għas-sikurezza minħabba l-piż tagħhom u l-impatt potenzjali f'ħabta ma' utenti oħra tat-triq***. ***L-obbligu tal-użu ta' takografi għal dawn il-vetturi jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' dawn ir-riskji, b'mod partikolari billi jipprevjeni inċidenti relatati mal-għeja u jippromwovi***

kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi. Barra minn hekk, għalkemm xi vannijiet elettriċi bħalissa jiżnu aktar minn 3,5 tunnellati, hemm potenzjal kbir li jitnaqqas il-piż tal-vannijiet elettriċi bis-saħħa tal-evoluzzjonijiet fid-disinn tal-batteriji u l-użu ta' materjali ħfief. Għalhekk jeħtieġ li jiġi inċentivat il-qlib aktar rapidu lejn vannijiet elettriċi eħfef li se joffri wkoll aktar benefiċċji lill-utenti f'termini ta' effiċjenza enerġetika mtejba li min-naħa tagħha tbaxxi l-kostijiet tal-iċċarġjar u twassal għal benefiċċji usa' għas-soċjetà f'termini ta' inqas impatt fuq l-infrastruttura tat-toroq, u benefiċċji għas-sikurezza fit-toroq f'termini ta' tnaqqis fl-effetti ta' ħabtiet.

Or. en

Emenda 13
Rachel Blom, Roman Haider, Elisabeth Dieringer, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tirrappreżenta sforz sinifikanti għall-operaturi u għas-sewwieqa tal-vetturi u tnaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi*** kummerċjali ħfief ***elettriċi bil-batterija***.	(6) ***Il-limitu ta' 3,5 tunnellati li 'l fuq minnu japplikaw ir-regoli dwar it-takografi ġie stabbilit qabel l-introduzzjoni b'mod mifrux tat-tagħmir obbligatorju tas-sikurezza u tal-emissjonijiet li llum huwa installat f'vetturi*** kummerċjali ħfief. ***Tali tagħmir jista' jnaqqas it-tagħbija utli u jista' jwassal biex il-vannijiet moderni ta' sistemi tal-motopropulsjoni differenti jaqbżu dak il-limitu, anke jekk iwettqu l-istess kompiti ta' trasport nazzjonali bħall-vetturi eħfef. Barra minn hekk, l-Unjoni rrikonoxxiet 4,25 tunnellati bħala limitu xieraq għal din il-klassi ta' vetturi fid-Direttiva (UE) 2025/2205, li jippermetti lid-detenturi ta' liċenzja tal-kategorija B isuqu tali vetturi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu allinjati l-limiti**

rilevanti f'dan ir-Regolament, filwaqt li tinżamm id-diskrezzjoni tal-Istati Membri għall-operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali.

Or. en

Emenda 14
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Minħabba l-piż ***tal-batterija, il-vetturi*** kummerċjali ħfief ***elettriċi bil-batterija jista'*** jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014***, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal*** vetturi kummerċjali ħfief ***b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti***. ***Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tirrappreżenta sforz sinifikanti għall-operaturi u għas-sewwieqa tal-vetturi u tnaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija.***	(6) Minħabba l-piż ***tas-sigurtà obbligatorja attwali fil-vetturi*** kummerċjali ħfief***, għandhom it-tendenza li*** jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014***. Irrispettivament mit-tip ta' sistema tal-motopropulsjoni, ir-reġim tat-trakkijiet tqal jenħtieġ li japplika biss għal*** vetturi kummerċjali ħfief ***minn 4,25 tunnellati 'l fuq***.

Or. en

Emenda 15
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi*** kummerċjali ħfief ***elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014,*** minkejja li ***għandhom*** l-istess ***tagħbija utli u każ ta' użu*** bħal vetturi ***kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tirrappreżenta sforz sinifikanti għall-operaturi u għas-sewwieqa tal-vetturi u tnaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta'*** vetturi ***kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija***.	(6) ***Il-limitu ta' 3,5 tunnellati li 'l fuq minnu japplikaw ir-regoli dwar it-takografi jippreċedi t-tagħmir obbligatorju tas-sikurezza u tal-emissjonijiet li issa huwa installat fil-vetturi*** kummerċjali ħfief ***kollha, li jnaqqas b'mod sinifikanti t-tagħbija utli u jimbotta l-vannijiet moderni ta' kull sistema tal-motopropulsjoni 'l fuq minn dak il-limitu*** minkejja li ***jwettqu*** l-istess ***kompiti nazzjonali*** bħal vetturi ***eħfef. Barra minn hekk, l-Unjoni diġà rrikonoxxiet 4,25 tunnellati bħala l-limitu xieraq għal din il-klassi ta' vetturi fid-Direttiva (UE) 2025/2205, li jippermetti lid-detenturi ta' liċenzja tal-kategorija B isuqu tali*** vetturi. ***Huwa inkoerenti li jinżamm limitu ta' 3,5 tunnellati għat-takografi meta l-Unjoni effettivament abbandunatu fi bnadi oħra, u dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja dawk il-limiti.***

Or. en

Emenda 16
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma	(6) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma

barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 ***tirrappreżenta sforz sinifikanti għall-operaturi u għas-sewwieqa tal-vetturi u tnaqqas*** ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija.	barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 ***tista' tippreżenta rekwiżiti addizzjonali u tista' tikkontribwixxi biex jitnaqqas*** ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija.

Or. en

Emenda 17
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 18
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Daniel Attard, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit tal-	***imħassar***

installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata.

Or. en

Emenda 19
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi*** kummerċjali ħfief ***elettriċi bil-batterija b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata***.	(7) ***Il-vetturi*** kummerċjali ħfief ***fil-faxxa ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati huma fil-biċċa l-kbira operati minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ħaddiema tax-xogħol tal-idejn li jġorru l-għodod u l-materjali fit-trasport nazzjonali. L-obbligi tat-takografi jimponu kostijiet amministrattivi u tat-tagħmir rikorrenti li huma sproporzjonati għal operazzjonijiet bħal dawn. Għalhekk huwa xieraq li jiġu eżentati l-vetturi kollha użati għat-trasport tal-merkanzija f'din il-faxxa tal-massa, fejn it-trasport ma jsirx għall-impjieg jew għall-kumpens, iżda f'isem il-kumpanija jew is-sewwieq stess, u fejn is-sewqan ma jikkostitwixxix l-attività prinċipali tal-persuna li ssuq il-vettura, irrispettivament mit-tip ta' propulsjoni, sabiex b'hekk l-eżenzjoni ssegwi l-funzjoni u l-massa tal-vettura pjuttost milli s-sistema tal-motopropulsjoni tagħha u ma tiżvantaġġax b'mod arbitrarju l-vetturi konvenzjonali jew ibridi li jwettqu kompiti identiċi.***

Or. en

Emenda 20
Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Roman Haider, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li ***jitneħħa*** r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief ***elettriċi bil-batterija b'piż*** ta' ***inqas*** minn 4,25 ***tunnellata***.	(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, ***l-Istati Membri*** jenħtieġ li ***jkunu jistgħu jneħħu*** r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief ***b'massa massima permissibbli*** ta' ***iżjed minn 3,5 tunnellati iżda mhux iżjed*** minn 4,25 ***tunnellati, irrispettivament mit-tip ta' propulsjoni tagħhom, fejn tali vetturi jintużaw esklużivament fit-trasport nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tali eżenzjoni jenħtieġ li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi sproporzjonati għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-ħaddiema tax-xogħol tal-idejn, filwaqt li ma taffettwax ir-regoli nazzjonali eżistenti dwar it-traffiku, is-setgħat ta' infurzar u r-regoli dwar il-ħin tax-xogħol

Emenda 21
Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, ***jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit*** tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata.	(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, ***ir-rekwiżit*** tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata ***jenħtieġ li jitneħħa fil-livell nazzjonali, iżda jiġi applikat meta dan it-tip ta' vetturi jintużaw fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L'installation, à compter du 1er juillet 2026, d'un tachygraphe sur les véhicules utilitaires légers de plus de 2,5 tonnes affectés au transport de marchandises, est déjà prévue dans le cadre du "Paquet Mobilité". Ainsi, dans l'esprit du "Paquet Mobilité", l'installation d'un tachygraphe sur les véhicules utilitaires légers électriques à batterie d'un poids inférieur à 4,25 tonnes doit être appliquée dans le cadre du cabotage et des transports internationaux de marchandises : compte tenu de la concurrence des "VUL" (Véhicules Utilitaires Légers) utilisés par des transporteurs d'Europe de l'Est pour des missions de cabotage dans les pays d'Europe de l'Ouest tels que la France, l'installation d'un tachygraphe doit pouvoir permettre de lutter contre la concurrence déloyale et le dumping social liés au détachement de chauffeurs routiers issus de pays à bas couts. Ce dispositif permettrait également aux autorités d'améliorer les contrôles et de renforcer la sécurité routière, limitant ainsi les risques d'accidents liés à des temps de conduite excessifs.

Emenda 22
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu ***għall-vetturi*** kummerċjali ***ħfief elettriċi bil-batterija*** b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata.	(7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu ***għal kwalunkwe vettura*** kummerċjali b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata.

Or. en

Emenda 23
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) It-takografi intelliġenti jistgħu jikkontribwixxu għal effiċjenzi operazzjonali għall-operaturi, mhux biss bħala strument ewlieni għall-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, iżda wkoll biex jiġi pprovdut sors sigur u affidabbli ta' data li jippermetti loġistika u prattiki ta' ġestjoni tal-flotta aktar effiċjenti, inkluż titjib fl-ippjanar, il-monitoraġġ u l-allokazzjoni tar-riżorsi.

Or. en

Emenda 24
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Billi r-rwol tat-takografi bħala strument ewlieni għall-infurzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, u b'hekk biex jappoġġa l-infurzar uniformi, il-kompetizzjoni ġusta u l-protezzjoni tal-ħaddiema tat-trasport bit-triq fl-Unjoni kollha, jibbaża fuq l-interoperabbiltà bejn it-takografi u t-tagħmir u s-sistemi użati mill-awtoritajiet tal-infurzar.

Or. en

Emenda 25
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi involuti esklużivament fit-trasport domestiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 26
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi involuti esklużivament fit-trasport domestiku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 27
Rachel Blom, Roman Haider, Elisabeth Dieringer, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi kummerċjali ħfief ***elettriċi*** involuti esklużivament fit-trasport domestiku.	(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi kummerċjali ħfief involuti esklużivament fit-trasport domestiku. ***Din l-eżenzjoni tikkonċerna***

biss l-obbligu ta' reġistrazzjoni u tneħħi piż amministrattiv doppju għall-operaturi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-ħaddiema tax-xogħol tal-idejn. Ma taffettwax il-limiti tal-ħin tax-xogħol tad-Direttiva 2002/15/KE, u lanqas ir-rekwiżiti tat-takografu applikabbli għat-trasport internazzjonali u l-kabotaġġ b'vetturi ta' aktar minn 2,5 tunnellati skont ir-Regolament (UE) 2020/1054. L-eżenzjoni lanqas ma taffettwa r-regoli nazzjonali tat-traffiku fit-toroq u s-setgħat ta' infurzar.

Or. en

Emenda 28
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi ***kummerċjali ħfief elettriċi*** involuti esklużivament fit-trasport domestiku.	(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi involuti esklużivament fit-trasport domestiku. ***Din l-eżenzjoni tikkonċerna biss l-obbligu ta' reġistrazzjoni u bl-ebda mod ma ddgħajjef il-protezzjoni tas-sewwieqa. Il-limiti tal-ħin tax-xogħol tad-Direttiva 2002/15/KE jibqgħu japplikaw bis-sħiħ għas-sewwieqa kollha kkonċernati, u t-trasport internazzjonali u l-kabotaġġ b'vetturi ta' aktar minn 2,5 tunnellati jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tat-takografu tar-Regolament (UE) 2020/1054. L-eżenzjoni għalhekk tneħħi piż amministrattiv doppju mingħajr ma tnaqqas is-salvagwardji soċjali jew tas-sikurezza fit-toroq eżistenti.***

Or. en

Emenda 29
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi ***kummerċjali ħfief elettriċi*** involuti esklużivament fit-trasport domestiku.	(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi involuti esklużivament fit-trasport domestiku. ***Din l-eżenzjoni tikkonċerna biss l-obbligu ta' reġistrazzjoni u bl-ebda mod ma ddgħajjef il-protezzjoni tas-sewwieqa. Il-limiti tal-ħin tax-xogħol tad-Direttiva 2002/15/KE jibqgħu japplikaw bis-sħiħ għas-sewwieqa kollha kkonċernati, u t-trasport internazzjonali u l-kabotaġġ b'vetturi ta' aktar minn 2,5 tunnellati jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tat-takografu tar-Regolament (UE) 2020/1054. L-eżenzjoni għalhekk tneħħi piż amministrattiv doppju mingħajr ma tnaqqas is-salvagwardji soċjali jew tas-sikurezza fit-toroq eżistenti.***

Or. en

Emenda 30
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Massimiliano Salini, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Adina Vălean, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni***, jenħtieġ li ***l-eżenzjoni*** tapplika ***biss*** għall-vetturi kummerċjali ħfief ***elettriċi*** involuti ***esklużivament*** fit-trasport	(8) ***Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq uniku u tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' vetturi N2 b'emissjonijiet żero b'massa massima awtorizzata li taqbeż it-3,5 tunnellati iżda***

domestiku.	***li ma taqbiżx l-4,25 tunnellati***, ***l-applikazzjoni tal-eżenzjoni*** jenħtieġ li tapplika għall-vetturi kummerċjali ħfief ***N2 b'emissjonijiet żero li jiżnu bejn 3,5 u 4,25 tunnellati, irrispettivament minn jekk humiex*** involuti fit-trasport domestiku ***jew transfruntier***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE tippenalizza l-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi (3,5-4,25 tunnellati) minħabba li l-piż tal-batterija tagħhom jissuġġettahom għal rekwiżiti tat-takografu u tar-regolatur tal-veloċità li jevitawhom il-vannijiet ekwivalenti li jaħdmu bil-ffjuwils fossili. Din id-disparità xxekkel l-adozzjoni b'emissjonijiet żero fost l-SMEs, taffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tal-manifattur u timmina l-għanijiet klimatiċi tal-UE. Biex dan jitranġa u jiġi promoss trasport aktar nadif, it-test jipproponi li dawn il-vetturi N2 b'emissjonijiet żero jiġu eżentati minn dawn il-mandati tal-apparat u li jitneħħew ir-restrizzjonijiet stretti fuq it-trasport reġjonali.

Emenda 31
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika ***biss*** għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi involuti esklużivament fit-trasport domestiku.	(8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi involuti esklużivament fit-trasport domestiku ***u mhux domestiku***.

Or. ro

Emenda 32
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jitnaqqas il-piż li l-installazzjoni u l-użu ta' takografu jqiegħdu fuq is-sewwieqa mhux professjonali li jsuqu karavans kbar bil-mutur għal finijiet mhux kummerċjali u l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-domanda għal tali vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżentaw tali vetturi u operazzjonijiet mir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ u l-użu tat-takografu, dment li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jiġux ipperikolati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 33
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jitnaqqas il-piż li l-installazzjoni u l-użu ta' takografu jqiegħdu fuq is-sewwieqa mhux professjonali li jsuqu karavans kbar bil-mutur għal finijiet mhux kummerċjali u l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-domanda għal tali vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżentaw tali vetturi u operazzjonijiet mir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ u l-użu tat-takografu, dment li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jiġux ipperikolati.	(9) Sabiex jitnaqqas il-piż li ***r-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ, kif ukoll dwar*** l-installazzjoni u l-użu ta' takografu jqiegħdu fuq is-sewwieqa mhux professjonali li jsuqu karavans kbar bil-mutur għal finijiet mhux kummerċjali u l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-domanda għal tali vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżentaw tali vetturi u operazzjonijiet mir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ u l-użu tat-takografu, dment li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jiġux ipperikolati.

Or. en

Emenda 34
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Daniel Attard, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex ***jitnaqqas il-piż li*** l-installazzjoni u l-użu ta' takografu ***jqiegħdu fuq is-sewwieqa*** mhux professjonali li jsuqu karavans kbar bil-mutur għal finijiet mhux kummerċjali u l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-domanda għal tali vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżentaw tali vetturi u operazzjonijiet mir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ u l-użu tat-takografu, dment li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jiġux ipperikolati.	(9) Sabiex ***tiġi pprovduta ċarezza legali dwar*** l-installazzjoni u l-użu ta' takografu ***għas-sewwieqa*** mhux professjonali li jsuqu karavans kbar bil-mutur għal finijiet mhux kummerċjali u l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-domanda għal tali vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżentaw tali vetturi u operazzjonijiet mir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ u l-użu tat-takografu, dment li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jiġux ipperikolati.

Or. en

Emenda 35
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Daniel Attard, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jippermetti l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' livell ta' ħoss u ta' sistemi akustiċi ta' twissija tal-vetturi jew permezz tar-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jew permezz tar-Regolamenti tan-NU, inklużi r-Regolamenti Nru 138[11], Nru 51[12], u Nru 59[13] tan-NU/KEE. Dik is-sistema parallela tirriskja li tikkawża	(10) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jippermetti l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' livell ta' ħoss u ta' sistemi akustiċi ta' twissija tal-vetturi jew permezz tar-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] jew permezz tar-Regolamenti tan-NU, inklużi r-Regolamenti Nru 138[11], Nru 51[12], u Nru 59[13] tan-NU/KEE. Dik is-sistema parallela tirriskja li tikkawża

frammentazzjoni tas-suq. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 sar obsolet minħabba defiċit ta' aġġornamenti meta mqabbel mat-tliet regolamenti tan-NU/KEE msemmija hawn fuq. Sabiex jiġi żgurat qafas koerenti u allinjament sħiħ mar-regolamenti tan-NU, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 jenħtieġ li jitħassar, u l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 jenħtieġ li jiġi emendat biex jippermetti biss il-konformità mar-Regolamenti tan-NU applikabbli.

frammentazzjoni tas-suq. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 sar obsolet minħabba defiċit ta' aġġornamenti meta mqabbel mat-tliet regolamenti tan-NU/KEE msemmija hawn fuq. Sabiex jiġi żgurat qafas koerenti u allinjament sħiħ mar-regolamenti tan-NU, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 jenħtieġ li jitħassar, u l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 jenħtieġ li jiġi emendat biex jippermetti biss il-konformità mar-Regolamenti tan-NU applikabbli. ***Jenħtieġ li dak l-allinjament ma jwassalx għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni kontra l-istorbju tat-traffiku, u lanqas ma jipprevjeni lill-Unjoni milli tadotta rekwiżiti aktar stretti fejn meħtieġ biex tipproteġi s-saħħa pubblika, l-utenti vulnerabbli tat-triq u l-ambjenti urbani.***

---

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/540/oj)

[11] Ir-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom [2017/71] (ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/71(1)/oj).

[12] Ir-Regolament Nru 51 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi motorizzati li jkollhom mill-inqas erba' roti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħhom [2018/798] (ĠU L 138, 4.6.2018, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/798/oj).

[13] Ir-Regolament Nru 59 tal-Kummissjoni

[10] Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/540/oj)

[11] Ir-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom [2017/71] (ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/71(1)/oj).

[12] Ir-Regolament Nru 51 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi motorizzati li jkollhom mill-inqas erba' roti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħhom [2018/798] (ĠU L 138, 4.6.2018, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/798/oj).

[13] Ir-Regolament Nru 59 tal-Kummissjoni

Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' sajlensers ta' sostituzzjoni [2025/844] (ĠU L, 2025/844, 30.4.2025 , ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/844/oj).	Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' sajlensers ta' sostituzzjoni [2025/844] (ĠU L, 2025/844, 30.4.2025 , ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/844/oj).

Or. en

Emenda 36
Nikola Minchev, Valérie Devaux, Katri Kulmuni, Svenja Hahn, Andreas Glück

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-infrastruttura tal-irriċarġjar fl-Istati Membri kollha huma fatturi determinanti ewlenin tal-adozzjoni tal-vetturi elettriċi miċ-ċittadini u min-negozji Ewropej, peress li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi. Għalhekk, l-investiment f'infrastruttura estensiva u interoperabbli tal-irriċarġjar huwa essenzjali biex jippermetti l-varar aktar mifrux tal-mobbiltà b'emissjonijiet żero, kif ukoll biex jissaħħaħ l-użu elettriku ta' vetturi ibridi plug-in, u b'hekk jiġi appoġġat il-kontribut maħsub tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2. Hija meħtieġa infrastruttura adegwata tal-irriċarġjar fl-Unjoni biex tiġi żgurata l-konvenjenza tal-konsumatur, tiġi ffaċilitata l-mobbiltà transfruntiera u jiġi appoġġat il-funzjonament xieraq tas-suq intern.

Or. en

Emenda 37
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-vetturi manifatturati f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli fil-mument tal-produzzjoni tagħhom jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet sussegwenti fuq ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz tagħhom biss minħabba d-dħul fis-seħħ ta' rekwiżiti tekniċi ġodda, li ma jaffettwax l-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja jew azzjonijiet korrettivi f'każijiet fejn il-vetturi jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jenħtieġ li lanqas ma jipprevjeni l-adozzjoni ta' miżuri futuri bbażati fuq evidenza debitament ġustifikata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu eliminati l-frammentazzjoni tas-suq u l-piż amministrattiv li jirriżulta minn proċeduri nazzjonali mhux armonizzati ta' eżenzjoni ta' tmiem is-serje, bħal mekkaniżmi ta' kwoti jew ta' data limitu li jvarjaw, għandu jiġi ssimplifikat il-qafas ta' reġistrazzjoni. Il-proċeduri attwali joħolqu burokrazija bla bżonn kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għalhekk, jekk id-data tal-produzzjoni ta' vettura tipprekedi l-applikazzjoni ta' rekwiżit legali ġdid, iċ-ċertifikat ta' konformità tagħha jenħtieġ li jibqa' validu, u b'hekk titneħħa l-ħtieġa ta' proċeduri oneruż ta' eżenzjoni ta' tmiem is-serje.

Emenda 38
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass	(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass

mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, ***l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament*** (UE) 2018/858 biex ***il-Kummissjoni*** tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi ***u din hija pass inizjali neċessarju biex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar bidirezzjonali***. ***Fl-istess ħin, il-batteriji fil-vetturi elettriċi joffru potenzjal kbir għall-ħżin temporanju u r-ritorn lejn il-grilja tal-elettriku minn enerġiji rinnovabbli permezz tal-irriċarġjar bidirezzjonali meta ma jkunx meħtieġ min-negozji u mill-unitajiet domestiċi***. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]) ***jew il-qafas rivedut ta' strumenti tal-kejl (id-Direttiva (UE) 2026/706[15a]). Għall-fini tal-irriċarġjar bidirezzjonali, id-Direttiva (UE) 2018/2001[15b] (RED III) u l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/1542[15c] (ir-Regolament dwar il-Batteriji) jirrikjedu li l-vetturi jirreġistraw id-data li jridu jagħmlu disponibbli l-manifatturi***. Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa*** (UE) 2018/858 biex tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi

(PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji***, filwaqt li tiżgura l-konsistenza mar-rekwiżiti tad-Direttiva RED III, tar-Regolament dwar il-Batteriji u tal-Att dwar id-Data***[15d].

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: ***https://eur-***http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

[15a] Id-Direttiva (UE) 2026/706 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2026 li temenda d-Direttiva 2014/32/UE fir-rigward tas-sistemi tal-kejl għal tagħmir tal-provvista tal-vetturi elettriċi, distributuri tal-gass ikkompressat, u arloġġi tal-elettriku, tal-gass u tal-enerġija termali (ĠU L, 2026/706, 20.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2026/706/oj).

[15b] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, pp. 82–209, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/2024-07-16).

[15c] Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, pp. 1–

117, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/2025-07-31)

[15d] Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L, 2023/2854, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj).

Or. en

Emenda 39
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hekk kif ***it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u*** l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati	(11) Hekk kif l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex ***jiġi permess l-iċċarġjar*** interoperabbli, il-

tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex ***jiġu permessi servizzi*** interoperabbli ***mill-vettura għall-grilja***, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji. ***Jenħtieġ li dak l-għoti tas-setgħa jkun limitat għall-konnessjoni fiżika u l-protokoll ta' komunikazzjoni għall-irriċarġjar intelliġenti unidirezzjonali — liema plagg, liema kejbil u liema format ta' komunikazzjoni — u jenħtieġ li jibni fuq l-istandards diġà magħżula mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/1804, b'mod partikolari s-Sistema tal-Iċċarġjar Ikkombinata u, għall-vetturi heavy-duty, is-Sistema tal-Iċċarġjar tal-Megawatts. Kwalunkwe parteċipazzjoni f'servizzi ta' trasferiment tal-enerġija mill-vettura għall-grilja jew bidirezzjonali għandha tibqa' volontarja u tirrikjedi l-kunsens espliċitu u revokabbli ta' sid il-vettura; jenħtieġ li l-għoti tas-setgħa ma joħloqx obbligi indiretti fuq is-sidien tal-vetturi biex jikkondividu d-data jew biex jieħdu sehem fi skemi ta' bbilanċjar tal-grilja.***

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: ***https://eur-***http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

Emenda 40
Nikola Minchev, Katri Kulmuni, Valérie Devaux

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. ***Għalhekk,*** biex tiġi żgurata ***l-interoperabbiltà bejn il-vetturi***, ***l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex*** il-Kummissjoni ***tistabbilixxi*** rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi	(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Biex tiġi żgurata ***tali interoperabbiltà***, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li tadotta att delegat li jistabbilixxi*** rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji. ***L-att delegat jenħtieġ li jispeċifika wkoll dożinjazzjoni lesta għall-V2G li għandha tiġi inkluża fiċ-Ċertifikat***

tal-elettriku stazzjonarji.

ta' Konformità tal-vetturi, kif ukoll metodoloġija korrispondenti għall-verifika tal-konformità. L-att delegat jenħtieġ li jiġi adottat f'perjodu ta' żmien stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/858, sabiex jiġi żgurat qafas tal-Unjoni f'waqtu u koerenti.

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: ***https://eur-***http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

Or. en

Emenda 41
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar	(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar

il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: ***https://eur-***http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji. ***Jenħtieġ li dak l-għoti tas-setgħa jkun limitat għall-konnessjoni fiżika u għall-protokoll ta' komunikazzjoni.***

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

Or. en

Emenda 42
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.	(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). ***In-nuqqas ta' approċċ armonizzat jista' jwassal għall-frammentazzjoni tas-suq uniku u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet mhux ugwali għall-utenti.*** Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: ***https://eur-***http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

Or. ro

Emenda 43
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-	(11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388[14] u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631[15]). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-

vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, ***l-għoti tas-setgħa*** jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika, jenħtieġ li jiġi pprovdut ***rekwiżit marbut biż-żmien*** fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċarġjar, bil-grilja elettrika u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: ***https://eur-***http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

---

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj).

[15] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj).

Or. en

Emenda 44
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Pál Szekeres, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-interoperabbiltà permessa skont dan ir-Regolament tgħaqqad il-vetturi b'mod permanenti u bidirezzjonali mal-infrastruttura tal-irriċarġjar u mal-grilja tal-elettriku, u b'hekk tagħmel iċ-

ċibersigurtà tal-vetturi konnessi parti integrali mis-sigurtà tas-sistema tal-enerġija nnifisha. Il-vetturi li jikkomunikaw kontinwament ma' servers esterni u jirċievu aġġornamenti tas-software mingħajr fili jqajmu, f'termini ta' sigurtà, l-istess mistoqsijiet diġà indirizzati għat-tagħmir tat-telekomunikazzjoni u tal-infrastruttura tal-enerġija permezz tas-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G, li jippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu lill-fornituri ta' riskju għoli minn funzjonijiet kritiċi abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju kkoordinata aktar milli permezz ta' esklużjoni kategorika għal raġunijiet ta' oriġini. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa ta' qafas Ewropew għaċ-ċibersigurtà tal-vetturi konnessi, filwaqt li tibni fuq il-loġika bbażata fuq ir-riskju ta' dak is-sett ta' għodod, u tressaq proposta fejn xieraq. Sakemm ikun hemm tali qafas, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu l-kompetenza li jieħdu miżuri proporzjonati fejn każijiet ta' użu kritiku, bħall-prossimità għal installazzjonijiet tad-difiża, għal infrastruttura nazzjonali kritika jew flotot tal-amministrazzjoni pubblika, jiġġustifikaw dan.

Or. en

Emenda 45
Sigrid Friis, Gerben-Jan Gerbrandy, Yvan Verougstraete, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-introduzzjoni ta' flessibbiltajiet tal-konformità addizzjonali skont l-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda [ir-reviżjoni tar-Regolament (UE)

2019/63] se tippermetti l-użu kontinwu ta' magni tal-kombustjoni interna. Dawn il-flessibbiltajiet jenħtieġ li ma jdgħajfux l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, il-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika. Sabiex tinżamm il-koerenza bejn l-istandards tas-CO_2 u r-regoli tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-Regolament (UE) 2024/1257 (il-qafas Euro 7) għadux effettiv fl-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero, inkluż permezz ta' rekwiżiti robusti dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, id-durabbiltà tal-batteriji u l-prestazzjoni tal-vetturi fid-dinja reali. Meta dik il-valutazzjoni tidentifika riskji li l-flessibbiltajiet regolatorji jistgħu jdewmu t-tnaqqis tal-emissjonijiet, jestendu l-użu ta' vetturi li jniġġsu aktar, jew jimminaw l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra miżuri leġiżlattivi xierqa biex issaħħaħ il-qafas Euro 7.

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2019/63 u r-Regolament (UE) 2024/1257)

Emenda 46
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli ***kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar*** affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (***perjodu tranżitorju*** itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet ***CO2***	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli ***tirrikjedi oqfsa regolatorji li jinċentivaw tnaqqis ġenwin fl-emissjonijiet filwaqt li jippreżervaw in-newtralità teknoloġika, l-għażla tal-konsumatur u l-mobbiltà*** affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (***perjodi tranżitorji*** itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet ***CO_2*** tal-vetturi), ***miżuri***

tal-vetturi), ***benefiċċji*** fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal ***spazju*** għall-parkeġġ ***riżervat***), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat***,*** fejn applikabbli, jistgħu ***jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi*** elettriċi żgħar***. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta' vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip***. Għalhekk, ***huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti*** ta' vetturi ***M1***.

fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u ***miżuri*** mhux fiskali (bħal ***spazji*** għall-parkeġġ ***riżervati***), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fejn applikabbli, jistgħu ***jappoġġaw l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi b'emissjonijiet żero effiċjenti ħafna. Meta jitfasslu miżuri bħal dawn, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni akbar lill-kriterji oġġettivi rilevanti għall-emissjonijiet, inklużi l-konsum tal-enerġija, il-piż tal-vettura u l-effiċjenza teknoloġika. Id-daqs żgħir ma jissarrafx b'mod inerenti f'kostijiet tax-xiri jew operatorji aktar baxxi. Il-vetturi*** elettriċi żgħar ***jintużaw b'mod predominanti bħala karozzi sekondarji, filwaqt li l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx ġeneralment jibbażaw fuq is-suq tal-karozzi użati u spiss jiffaċċjaw aċċess limitat għall-infrastruttura tal-irriċarġjar, u ħafna unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-familji, jiddependu minn vetturi li jipprovdu biżżejjed kapaċità tal-passiġġieri, spazju għall-bagalji u awtonomija tas-sewqan biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-mobbiltà tagħhom ta' kuljum***. Għalhekk, ***l-objettiv ta' mobbiltà affordabbli u sostenibbli jenħtieġ li ma jkunx limitat għall-promozzjoni ta' vetturi iżgħar, iżda jenħtieġ li jappoġġa wkoll vetturi tal-familja akbar meta jiksbu livell għoli ta' effiċjenza enerġetika. Għalhekk, jenħtieġ li d-differenzjazzjoni regolatorja tkun ibbażata fuq parametri oġġettivi u li jistgħu jitkejlu rilevanti għall-emissjonijiet, b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika. Approċċ bħal dan jinkoraġġixxi tnaqqis ġenwin tas-CO_2, irawwem innovazzjoni teknoloġikament newtrali u jsaħħaħ l-inċentivi għal titjib kontinwu fl-effiċjenza fis-segmenti kollha*** ta' vetturi. ***B'kuntrast ma' dan, il-kriterji bbażati fuq it-tul tal-vettura jistgħu jinċentivaw aġġustamenti żgħar fil-qisien biex jinkisbu vantaġġi regolatorji, filwaqt li ma jipprovdu l-ebda benefiċċju dirett għall-effiċjenza teknoloġika u għal affordabbiltà aħjar.***

Emenda 47
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi ***elettriċi jsiru*** aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali ***pprovduta*** ta' vettura ***elettrika*** żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt ***il-kategorija*** eżistenti ta' vetturi M1.	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni ***li tfittex in-newtralità teknoloġika***, huwa meħtieġ li l-vetturi ***b'emissjonijiet żero u l-vetturi kummerċjali ħfief isiru*** aktar affordabbli ***u li tiġi estiża l-firxa ta' teknoloġiji disponibbli fis-suq li jrawmu vetturi purament elettriċi, li jaħdmu biċ-ċelloli tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu, u vetturi b'magna tal-kombustjoni jew ibridi li jaħdmu esklużivament bi fjuwil newtrali f'termini ta' emissjonijiet tas-CO_2***. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, ***minkejja li l-kunċett ta' vetturi b'emissjonijiet żero ġie introdott fir-Regolament (UE) 2019/631,*** bħalissa ma hemmx definizzjoni legali ta' vettura ***b'emissjonijiet żero*** żgħira ***prevista*** fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ***tal-vetturi tal-Unjoni***. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija ***ġdida ta' vetturi***

b'emissjonijiet żero taħt ***il-kategoriji*** eżistenti ta' vetturi M1 ***u N1***. ***Id-definizzjoni ta' "vettura żgħira b'emissjonijiet żero" bħala sottokategorija fil-kategoriji tal-vetturi M1 u N1 f'dan ir-Regolament hija interkonnessa mad-definizzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew mad-dispożizzjonijiet dwar is-super krediti skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew mar-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-kuntest tal-akkwist pubbliku u tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku, u, fejn rilevanti, mal-bidliet konsegwenzjali fid-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, f'każ ta' żviluppi leġiżlattivi f'dawk l-oqsma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tirriflettihom fir-regoli tal-approvazzjoni tat-tip permezz ta' atti delegati.***

Or. en

Emenda 48
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (***perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda,*** inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat),	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum***, li kkontribwixxa wkoll għax-xejra usa' lejn vetturi akbar u itqal fit-toroq***. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni***, biex jitwessa' l-impatt tagħha u biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern***, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli ***għall-konsumaturi. Il-miżuri li għandhom l-għan li jippromwovu vetturi elettriċi***

f’konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta’ vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta’ vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta’ vetturi M1.

iżgħar u aktar affordabbli jenħtieġ li jibqgħu konsistenti mal-objettivi tas-sikurezza tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti u tal-utenti vulnerabbli tat-triq. Miżuri regolatorji mmirati (inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta’ sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f’konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta’ vetturi elettriċi żgħar ***u jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur. Sabiex jiġu protetti l-impjiegi, il-ħiliet u l-valur miżjud industrijali fl-UE, il-manifatturi jenħtieġ li jiġu inċentivati jinvestu f’vetturi elettriċi żgħar, inkluż billi jagħtu prijorità lill-kontenut “Made in EU” fl-akkwist pubbliku u bid-dekarbonizzazzjoni tal-flotot korporattivi, kif stabbilit mir-Regolament (UE) XXXX/XXXX[15e] [proposta dwar l-istabbiliment ta’ qafas ta’ miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u d-dekarbonizzazzjoni f’setturi strateġiċi] (l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali).*** Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta’ vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta’ vetturi M1 ***sabiex jiġi ċċarat il-qafas regolatorju, tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta’ dawn il-miżuri u tiġi żgurata l-koerenza tas-suq intern***.

[15e] Ir-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ [...] dwar l-istabbiliment ta’ qafas ta’ miżuri għall-aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u għad-dekarbonizzazzjoni f’setturi strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1724, (UE) 2024/1735 u (UE) 2024/3110 (ĠU...)

Or. en

Emenda 49
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi ***elettriċi*** primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi ***elettriċi*** jsiru aktar ***affordabbli***. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi ***elettriċi*** żgħar***. Madankollu***, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta' vettura ***elettrika*** żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip***. Għalhekk***, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta' vetturi M1.	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi ***b'emissjonijiet baxxi*** jsiru ***affordabbli u disponibbli b'mod*** aktar ***mifrux***. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi żgħar ***b'emissjonijiet baxxi prodotti fl-Unjoni. L-objettiv tal-affordabbiltà jintlaħaq l-aħjar billi s-sottokategorija tiġi definita b'referenza għar-rendiment tal-emissjonijiet tal-vettura aktar milli għal teknoloġija ta' propulsjoni unika. Għalhekk, jenħtieġ li l-eliġibbiltà tkopri l-vetturi kollha li jikkwalifikaw bħala vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)***, ***il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2019/631, inklużi l-vetturi li jaħdmu bi fjuwils rinnovabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (22a), tad-Direttiva (UE) 2018/2001, bħall-bijofjuwils kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (33), ta' dik id-Direttiva u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (36), ta' dik id-Direttiva, irrispettivament mit-tip ta' propulsjoni tagħhom. Peress li*** bħalissa ma hemmx

definizzjoni legali pprovduta ta' ***tali*** vettura żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta' vetturi M1. ***Sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji assoċjati ma' dik is-sottokategorija jappoġġaw il-manifattura Ewropea, l-eliġibbiltà jenħtieġ li tkun kundizzjonali fuq l-oriġini tal-vettura mill-Unjoni. Il-kriterji għad-determinazzjoni tal-oriġini mill-Unjoni għall-finijiet ta' dik is-sottokategorija jenħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' att leġiżlattiv adottat f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, f'konformità mal-metodoloġija li għandha tiġi stabbilita skont ir-Regolament [l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, 2026/0068(COD)].***

Or. en

Emenda 50
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi ***elettriċi*** jsiru ***aktar*** affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi ***b'emissjonijiet baxxi*** jsiru affordabbli***, filwaqt li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika***. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà

ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta’ vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta’ vetturi M1.	aħjar ta’ vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta’ vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta’ vetturi M1.

Or. en

Emenda 51
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta’ mudelli ta’ vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta’ din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (***perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda,*** inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta’ sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f’konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta’ vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta’ vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta’ vetturi M1.	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta’ mudelli ta’ vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta’ din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta’ sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f’konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta’ vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta’ vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta’ vetturi M1.

Or. en

Emenda 52
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (***perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda,*** inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta' vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta' vetturi M1.	(12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta' vettura elettrika żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta' vetturi M1.

Or. en

Emenda 53
Rachel Blom, Roman Haider, Elisabeth Dieringer, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-fattur ta' utilità huwa suppożizzjoni użata fid-dritt tal-Unjoni biex jiġi ddeterminat kemm mill-ħin li tinstaq vettura elettrika ibrida plug-in ikun bl-elettriku. Ir-reviżjoni applikabbli mill-2027 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/443 se tnaqqas b'mod sinifikanti dik is-suppożizzjoni u

b'hekk taggrava r-rendiment uffiċjali tas-CO2 tal-vetturi elettriċi ibridi plug-in. Madankollu, dik ir-reviżjoni hija bbażata fuq data mill-flotta u l-kundizzjonijiet tal-irriċarġjar eżistenti, filwaqt li l-kapaċità tal-batteriji, id-disponibbiltà tal-irriċarġjar u l-imġiba tal-utenti huma mistennija li jkomplu jiżviluppaw. L-applikazzjoni ta' dak it-tnaqqis mingħajr data rappreżentattiva aġġornata tad-dinja reali tirriskja li teskludi l-vetturi elettriċi ibridi plug-in mill-kategoriji ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi, mill-iskemi ta' akkwist pubbliku u mill-oqfsa nazzjonali tal-inċentivi, anke meta l-prestazzjoni tagħhom fid-dinja reali tiġġustifika l-eliġibbiltà kontinwa. Għalhekk, il-fattur ta' utilità jenħtieġ li jibqa' bbażat fuq data rappreżentattiva u aġġornata u jenħtieġ li ma jimminax approċċ teknoloġikament newtrali għal mobbiltà affordabbli b'emissjonijiet baxxi.

Or. en

Emenda 54
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Filwaqt li l-kost totali tas-sjieda ta' vettura elettrika bil-batterija tul il-ħajja kollha tagħha huwa aktar baxx minn vettura b'magna tal-kombustjoni interna, prinċipalment minħabba l-kostijiet aktar baxxi tal-manutenzjoni u tal-fjuwil, il-prezz ogħla tax-xiri ta' vettura elettrika ġdida spiss ikun ostaklu sinifikanti għall-konsumaturi. Il-mudelli nazzjonali ta' lokazzjoni soċjali, speċjalment dawk li għandhom bħala għan lill-unitajiet

domestiċi b'introjtu baxx u medju, urew li huma effettivi biex jaċċeleraw l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero, u b'hekk inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-impatt tal-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jistabbilixxu qafas regolatorju għal-lokazzjoni soċjali, b'mod partikolari mmirat lejn l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, l-utenti vulnerabbli tat-trasport u l-ħaddiema. Għal dak l-għan, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-fondi disponibbli tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit fir-Regolament (UE) 2023/955[15f].

[15f] Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/955/oj).

Or. en

Emenda 55
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sakemm issir il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-fjuwil newtrali f'termini tas-CO_2, kif previst mill-premessa 11 tar-Regolament (UE) 2023/851, u meta jitqiesu n-negozjati li għaddejjin dwar ir-reviżjoni tiegħu, f'dan ir-Regolament il-fjuwil newtrali f'termini tas-CO_2 jenħtieġ li jitqies bħala l-fjuwils kollha definiti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli,

dment li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà ta' dik id-Direttiva u l-atti delegati assoċjati, fejn l-istess ammont ta' CO_2 minn sorsi tal-bijomassa, tal-arja ambjentali jew tal-karbonju riċiklat ikun marbut fil-produzzjoni tal-fjuwil kif jiġi rilaxxat matul il-kombustjoni fil-fażi tal-użu. Dawk il-fjuwils jenħtieġ li jinkludu fjuwils rinnovabbli u/jew sintetiċi, bħal bijofjuwil, bijogass, fjuwil tal-bijomassa, fjuwil għat-trasport rinnovabbli likwidu u gassuż ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBO) jew fjuwil tal-karbonju riċiklat (RCF), kif ukoll bijofjuwils li huma prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tar-Regolament 2018/2021.

Or. en

Emenda 56
Sigrid Friis, Yvan Verougstraete, Gerben-Jan Gerbrandy, Pascal Canfin, Stine Bosse

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-vetturi elettriċi ibridi bl-iċċarġjar mhux fuq il-vettura jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni biss meta l-valuri regolatorji tal-emissjonijiet tas-CO2 tagħhom jirriflettu l-prestazzjoni tagħhom fid-dinja reali. Għalhekk, jenħtieġ li l-fattur ta' utilità użat biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet ponderati tas-CO2 ta' tali vetturi skont il-qafas tal-approvazzjoni tat-tip jiġi vvalutat regolarment mill-Kummissjoni skont data tad-dinja reali, inkluża data dwar l-ishma reali tas-sewqan elettriku, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-elettriku u l-imġiba tal-iċċarġjar. Meta jinstab li l-valuri tal-approvazzjoni tat-tip ma jkunux rappreżentattivi tal-prestazzjoni fid-dinja reali, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġusta l-metodoloġija rilevanti u fejn xieraq

tapplika fatturi ta' korrezzjoni biex tiżgura l-integrità ambjentali u l-effettività tar-Regolament (UE) 2019/613.

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2019/613)

Ġustifikazzjoni

Plug-in hybrid vehicles are credited under the CO2 standards on the basis of type-approval values that depend heavily on the assumed electric driving share. If those assumptions do not reflect real-world use, the Regulation risks overestimating emissions reductions and weakening the transition to zero-emission mobility. Regularly assessing and updating the utility factor, including through manufacturer-specific corrections where necessary, would ensure that regulatory values reflect actual vehicle performance, protect the integrity of the CO2 standards and maintain a fair competitive framework for manufacturers investing in genuine electrification.

Emenda 57
Jens Gieseke

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Fl-istess ħin, il-vetturi elettriċi effiċjenti ħafna jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, għat-tnaqqis tal-kostijiet operatorji għall-konsumaturi u għat-tnaqqis tal-pressjoni fuq is-sistemi tal-elettriku. Sabiex jiġu mħeġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni mis-suq ta' tali vetturi, huwa xieraq li tiġi stabbilita kategorija ddedikata għal vetturi elettriċi effiċjenti ħafna u li jiġu pprovduti inċentivi mmirati, inkluż permezz ta' mekkaniżmu ta' super krediti skont l-istandards ta' rendiment tal-emissjonijiet tas-CO_2. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta' vettura elettrika effiċjenti ħafna fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija fil-kategorija eżistenti ta' vetturi M1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-vetturi elettriċi effiċjenti ħafna jgħinu jnaqqsu l-kostijiet operatorji għall-konsumaturi, ibaxxu d-domanda globali għall-enerġija u jnaqqsu l-pressjoni fuq is-sistemi tal-elettriku. Sabiex jiġi żgurat li jiġi promoss l-iżvilupp ta' vetturi effiċjenti fl-użu tal-enerġija, għandu jiġi introdott super kreditu ġdid.

Emenda 58
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-fattur ta' utilità użat biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet uffiċjali tas-CO2 ta' vetturi elettriċi ibridi plug-in ġie rivedut bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/443 f'żewġ stadji, bit-tieni wieħed japplika mill-1 ta' Jannar 2027. Minn meta tfasslet dik ir-reviżjoni, is-sistemi tal-motopropulsjoni ibridi plug-in żiedu b'mod sinifikanti l-awtonomija elettrika u s-sehem tas-sewqan bl-elettriku fid-dinja reali tagħhom. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-istadju tal-2027 tissottovaluta l-prestazzjoni tal-vetturi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u tiskoraġġixxi l-investiment kontinwu f'teknoloġija tranżizzjonali li għadha importanti għall-affordabbiltà u għar-reġjuni b'infrastruttura tal-irriċarġjar limitata. Għalhekk huwa xieraq li jinżammu l-parametri tal-fattur ta' utilità applikabbli fl-2025 u fl-2026.

Or. en

Emenda 59
Daniel Attard

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-introduzzjoni tas-sottokategorija l-ġdida tal-vetturi M1E jenħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-swieq iż-żgħar u tas-swieq bl-istering fuq il-lemin, bil-għan li jiġu żgurati l-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà tas-suq u l-kostijiet proporzjonati tal-konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat li l-kategorija M1E proposta tibqa' kummerċjalment vijabbli għas-swieq żgħar u bl-istering fuq il-lemin.

Emenda 60
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 61
Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 62
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies ***l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin***.	(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies ***ċertu ammont ta' parametri biex jiġi żgurat li jipprovdu s-sikurezza massima għall-utenti finali u utenti oħra tat-triq, b'mod partikolari utenti vulnerabbli tat-triq bħall-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti peress li dawn il-vetturi huma partikolarment maħsuba biex joperaw f'żoni urbani. Għalhekk, bħala minimu, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-karozzi tal-passiġġieri tal-kategorija M1 skont ir-Regolament (UE) 2019/2144 għal din is-sottokategorija ġdida ta' vetturi.***

Or. en

Emenda 63
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin.	(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin. ***Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li jiġu skoraġġuti l-iżvilupp u l-użu ta' vetturi elettriċi żgħar.***

Or. ro

Emenda 64
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi ***elettriċi żgħar***, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin.	(13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin.

Or. en

Emenda 65
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 ġie adottat fl-2019 u jenħtieġ li jiġi riżaminat fl-2027 sabiex jaġġorna r-rekwiżiti tiegħu għall-aħħar żviluppi teknoloġiċi li jiżguraw is-sikurezza massima għall-utenti tat-toroq, speċjalment dawk vulnerabbli. Diġà għaddejjin xi aġġornamenti ta' dawk ir-rekwiżiti fil-qafas tal-ħidma tan-NU/KEE, li l-UE hija parti minnha, biex jiġu adattati r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-vetturi. Dawk l-aġġornamenti, kif ukoll tagħmir ġdid possibbli tas-sikurezza bħala parti mir-riżami tar-Regolament (UE) 2019/2144, jenħtieġ li jkunu applikabbli għall-kategorija ta' vetturi M1E biex jissalvagwardjaw is-sikurezza fit-toroq u jikkontribwixxu għall-kisbiet dwar l-objettivi tal-UE f'din il-kwistjoni. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti attwali skont ir-Regolament (UE) 2019/2144 jenħtieġ li jibqgħu l-istess.

Or. en

Emenda 66
Nikola Minchev, Valérie Devaux, Katri Kulmuni, Svenja Hahn, Andreas Glück

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE, il-Kummissjoni għandha toħroġ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni	(14) Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE, il-Kummissjoni għandha toħroġ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

b'għażliet għal skemi ta' inċentivi li wrew li huma effettivi fil-promozzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero ***u li huma*** konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għal miżuri fiskali (jiġifieri sussidji fuq ix-xiri, eżenzjonijiet mit-taxxa, eżenzjoni mill-pedaġġ stradali) u mhux fiskali (jiġifieri allokazzjoni tad-drittijiet tal-parkeġġ ibbażata fuq id-daqs, infrastruttura ddedikata għall-irriċċarġjar, eċċ.) jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar.	b'għażliet għal skemi ta' inċentivi li wrew li huma effettivi fil-promozzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero***. Tali inċentivi jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, inkluż it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija awtomobilistika Ewropea, filwaqt li jibqgħu*** konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni ***u jevitaw distorsjonijiet tas-suq intern***. Ir-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għal miżuri fiskali (jiġifieri sussidji fuq ix-xiri, eżenzjonijiet mit-taxxa, eżenzjoni mill-pedaġġ stradali) u mhux fiskali (jiġifieri allokazzjoni tad-drittijiet tal-parkeġġ ibbażata fuq id-daqs, infrastruttura ddedikata għall-irriċċarġjar, eċċ.) jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar. ***Tali miżuri jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ pubbliku jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tisħiħ tal-ekosistema industrijali tal-Unjoni.***
	Or. en

Emenda 67
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Roman Haider, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(14a) L-Istati Membri jimpenjaw riżorsi sostanzjali għall-inċentivi tal-vetturi, iżda ma hemm l-ebda definizzjoni komuni li biha jistgħu jidderieġu tali appoġġ lejn vetturi li jinkorporaw il-ħolqien tal-valur Ewropew. Ir-Regolament [l-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, 2026/0068(COD)] jistabbilixxi, għall-ewwel darba, metodoloġija bbażata fuq il-komponenti u l-forniturи biex jiġi ddeterminat jekk vettura hijiex ta' oriġini mill-Unjoni, iżda jillimita dik il-metodoloġija għall-vetturi elettriċi u jgħaddi l-kalibrazzjoni tagħha fil-biċċa l-**

kbira permezz ta' atti delegati. Il-vetturi mgħammra b'sistemi tal-motopropulsjoni b'kombustjoni interna jew ibridi, inklużi l-vetturi li jaħdmu bi fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif definiti fl-Artikolu 2(36) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew b'bijofjuwils kif definiti fl-Artikolu 2(33) ta' dik id-Direttiva, li għadhom jammontaw għal sehem sinifikanti ta' reġistrazzjonijiet appoġġati, jibqgħu barra minn kwalunkwe qafas ekwivalenti. Sabiex l-Istati Membri jingħataw strument utilizzabbli li bih jistgħu jsaħħu l-bażi tal-provvista Ewropea jekk jagħżlu li jagħmlu dan, filwaqt li jippreżervaw ir-responsabbiltà tal-koleġiżlaturi fuq il-perimetru ta' tali miżuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-estensjoni ta' dik il-metodoloġija b'mod newtrali għas-sistemi tal-motopropulsjoni u tressaq proposta li għandha tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, sabiex il-perimetru u l-limiti ta' kwalunkwe qafas bħal dan jirriflettu għażla politika intenzjonata u mhux kalibrazzjoni teknika.

Or. en

Emenda 68
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Massimiliano Salini, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Adina Vălean, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Il-vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEVs) jista' jkollhom rwol fit-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero u jistgħu jkunu utli għal każijiet speċifiċi ta' użu kif ukoll fi swieq globali oħra. L-OVC-HEVs jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mit-trasport bit-triq

billi jikkombinaw it-teknoloġija tal-magna tal-kombustjoni mal-kapaċità tas-sewqan elettriku, filwaqt li joffru lill-konsumaturi għażla prattika u flessibbli li tintroduċihom għall-mobbiltà elettrika. L-emissjonijiet tas-CO_2 tal-OVC-HEVs, kif definit skont ir-Regolament (UE) 2024/1257, jiġu kkalkolati bl-użu ta' fattur ta' utilità li, fl-2025, żied il-parametri tal-kilometraġġ tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip u suppost għandu jsir saħansitra aktar strett fl-2027. Tali żieda f'kemm hu strett twassal għal żieda sinifikanti fil-valuri tas-CO_2 tal-approvazzjoni tat-tip, u b'hekk tnaqqas il-kontribut tal-OVC-HEVs għall-konformità tal-manifatturi mal-miri ta' tnaqqis tas-CO_2. Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà regolatorja u jiġi ppreżervat il-kontribut tal-OVC-HEVs għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-fattur tal-utilità attwali jenħtieġ li jinżamm billi jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2024/1257.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In order to determine the range in electric mode of hybrid vehicles with external recharging systems (plug in hybrid vehicles) Utility Factors (UF) apply. According to Regulation (EU) 2023/443 a new UF should apply as from 1st January 2027. Given the ongoing progress of the plug-in hybrid technology and its value to the European supply chain, related jobs and technological knowledge we believe that a further tightening of the UF would prematurely end investments into a technology which has so much more potential for Europe. In order to promote this technology and allow industry to continue to invest in it, it is proposed to freeze the current UF.

Emenda 69
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Daniel Attard, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/2144. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet ***bla bżonn*** fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu ***taż-żieda*** fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero. ***Għalhekk*** huwa xieraq li l-vetturi ***b'emissjonijiet żero*** tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva.	(16) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva***, minħabba r-rabta bejn piż itqal ta' vettura u qawwa akbar f'każ ta' ħabta,***, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/2144. ***Il-massa tal-vettura hija parametru rilevanti għall-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq.*** Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet ***addizzjonali*** fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu ***tal-varar*** fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero. ***Sabiex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn trasport b'emissjonijiet żero u biex tiżdied il-kompetittività tan-negozji Ewropej, speċjalment l-SMEs,*** huwa xieraq li l-vetturi ***purament elettriċi*** tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva***, dment li jiġu implimentati miżuri xierqa biex tiġi żgurata s-sikurezza fit-toroq***. ***Din l-eżenzjoni tista' tkun soġġetta għal rieżami perjodiku biex jiġi żgurat li tibqa' proporzjonata, sikura u kompatibbli mal-objettivi tas-sikurezza u tas-suq intern.***

Or. en

Emenda 70
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/2144. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet bla bżonn fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva.	(16) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/2144. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet bla bżonn fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva. ***Madankollu, peress li din l-eżenzjoni ma kinitx soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt iddedikata u peress li d-densità tal-enerġija tal-batteriji hija mistennija li titjieb maż-żmien, jenħtieġ li l-ġustifikazzjoni kontinwa tagħha tiġi vvalutata fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa l-effetti tal-eżenzjoni fuq is-sikurezza fit-toroq u l-iżviluppi teknoloġiċi u, fejn xieraq, tqis jekk il-limitu tal-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli għadux meħtieġ.***

Or. en

Emenda 71
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Minħabba l-piż ***tal-batterija***, il-vetturi kummerċjali ħfief ***elettriċi bil-batterija*** jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva***, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/2144. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet bla bżonn fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero***. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi ***b'emissjonijiet żero*** tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva.	(16) Minħabba l-piż ***tas-sistemi tas-sigurtà moderni u ta' karatteristiċi obbligatorji oħra tal-vetturi kummerċjali ħfief***, il-vetturi kummerċjali ħfief jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi ***kummerċjali ħfief*** tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva.

Or. en

Emenda 72
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE)***	(16) ***Il-vetturi*** tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata ***jaqgħu f'dik il-kategorija minħabba l-piż tat-tagħmir obbligatorju aktar milli kwalunkwe profil ta' riskju ogħla, u għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali eħfef li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144.***

2019/2144. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet bla bżonn fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva.

Għalhekk huwa xieraq li tali vetturi jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva***, irrispettivament mit-tip ta' propulsjoni tagħhom. It-trattament tal-medda sħiħa tal-massa b'mod konsistenti jippermetti wkoll lill-operaturi jużaw it-tagħbija utli sħiħa tal-vannijiet moderni, li jnaqqas l-għadd ta' vjaġġi meħtieġa għal volum partikolari ta' merkanzija u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet għal kull tunnellata-kilometru.***

Or. en

Emenda 73
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Huwa importanti li l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti mir-Regolament (UE) 2024/1257 u l-atti ta' implimentazzjoni u delegati adottati skontu. Minħabba l-isfidi tekniċi speċifiċi assoċjati mal-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero għall-vetturi heavy-duty u t-trejlers, huwa xieraq żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni itwal għal dawk il-kategoriji ta' vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi differita aktar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1257 għal vetturi ġodda tal-kategorija M2, M3, N2 jew N3 u trejlers tal-kategorija O3 jew O4 biex jiġi żgurat li l-industrija rilevanti jkollha biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ġodda. Jitfakkar li għall-vetturi heavy-duty u t-

trejlers, id-data tal-applikazzjoni tista' tiddewwem, minħabba li t-tranżizzjoni għal vetturi b'emissjonijiet żero se tkun itwal għall-vetturi heavy-duty. Id-dati tal-adozzjoni għall-atti ta' implimentazzjoni korrispondenti jenħtieġ li jiġu emendati b'mod korrispondenti.

Or. en

Emenda 74
Nicolás González Casares, Rosa Serrano Sierra, Javi López, Laura Ballarín Cereza, César Luena, Leire Pajín

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Tfal li jitħallew waħedhom f'vetturi jistgħu jkunu esposti għal riskji serji u li jiżviluppaw malajr, inklużi puplesija tas-sħana, ipotermija jew sitwazzjonijiet oħra ta' theddida għall-ħajja. Diversi Stati Membri diġà ħadu azzjoni biex jindirizzaw dan ir-riskju, inkluż permezz ta' obbligi nazzjonali għal tagħmir ta' tfakkira dwar it-tfal jew tagħmir kontra l-abbandun. Filwaqt li tali miżuri jsegwu objettiv ta' sikurezza leġittimu u importanti, rekwiżiti nazzjonali diverġenti jistgħu joħolqu frammentazzjoni fis-suq intern u livelli differenti ta' protezzjoni fl-Unjoni. Fid-dawl tad-disponibbiltà ta' teknoloġiji tad-Detezzjoni tal-Preżenza tat-Tfal u l-integrazzjoni progressiva tagħhom fil-protokolli tal-valutazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi, huwa xieraq li jiġi stabbilit rekwiżit armonizzat tal-Unjoni biex il-vetturi tal-kategoriji M1 u N1 ikunu mgħammra b'sistemi li kapaċi jidentifikaw jew jinferixxu b'mod affidabbli l-preżenza ta' tfal li jitħallew waħedhom fil-vettura u joħorġu twissijiet f'waqthom.

Or. en

Emenda 75
Valérie Devaux, Andreas Schwab, Michael Bloss, Merja Kyllönen, Grégory Allione, Benoit Cassart, Nikola Minchev, Katri Kulmuni, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Is-sistemi li joqogħdu eżatt mal-manku tal-bieba jew li jinġibdu lura, b'mod partikolari dawk li jibbażaw fuq l-attwazzjoni elettrika, jistgħu jippreżentaw riskji f'każijiet ta' qtugħ tal-provvista tal-enerġija, ħabta, iffriżar jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza inklużi nar fil-vettura u immersjoni fl-ilma. Jeħtieġ li l-manifatturi tal-kategoriji M1 u N1 jiżguraw li tali mankijiet ikunu jistgħu jintużaw f'dawn is-sitwazzjonijiet, kif ukoll jippermettu intervent rapidu tas-servizzi ta' emerġenza billi jistabbilixxu standard ta' sikurezza komuni u azzjonabbli faċilment.

Or. en

Emenda 76
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(16a) Peress li xi reaġenti jistgħu jiffriżaw f'temperatura kiesħa, il-manifatturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiddisinjaw u jibnu sistemi ta' injezzjoni tar-reaġent sabiex ikunu jistgħu jifilħu għall-użu fit-tul, inkluż it-tħaddim f'kundizzjonijiet kesħin fejn ir-reaġent jista' jkun soġġett għal ċikli ripetuti ta'**

ffriżar u ta' taħlil. Dan jinkludi t-teħid ta' miżuri biex jiġi żgurat it-tisħin tat-tankijiet u tal-pajpijiet tar-reaġent.

Or. en

Emenda 77
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Id-data tal-monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija abbord (OBFCM) tad-dinja reali ta' vetturi elettriċi ibridi b'iċċarġjar mhux fuq il-vettura (OVC-HEV) irreġistrati fl-UE fil-perjodu mill-2021 sal-2023 turi li l-emissjonijiet tas-CO2 fid-dinja reali ta' dawn il-vetturi kienu bħala medja 3,5 darbiet ogħla matul dak il-perjodu mill-valuri tal-approvazzjoni tat-tip. Dan huwa ferm ogħla milli għall-vetturi konvenzjonali, u jista' jiġi spjegat mid-diskrepanza bejn il-fattur ta' utilità użat matul l-approvazzjoni tat-tip u x-xejriet reali tal-irriċarġjar u tas-sewqan tal-vetturi, li jwasslu għal aktar emissjonijiet u għal kontijiet ogħla tal-fjuwil għall-konsumaturi. L-analiżi ta' din id-data tikkonferma wkoll li d-diskrepanza fl-emissjonijiet fid-dinja reali għal dawn il-vetturi qed tiżdied. Sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur u jiġi żgurat li ma jingħata l-ebda trattament inġust lil dawn il-vetturi meta mqabbla ma' teknoloġiji oħra, jeħtieġ li l-fattur ta' utilità użat jiġi aġġornat kull sena biex jiġu stmati l-emissjonijiet tas-CO2 mill-OVC-HEVs matul l-approvazzjoni tat-tip abbażi tad-data riċevuta mill-OBFCM.

Or. en

Emenda 78
Valérie Devaux, Nikola Minchev, Benoit Cassart, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) It-teknoloġiji tal-estensjoni tal-awtonomija jipprovdu opportunitajiet addizzjonali għad-dekarbonizzazzjoni tal-vetturi heavy-duty iżda bħalissa ma humiex indirizzati b'mod adegwat skont l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-leġiżlazzjoni Euro 6. B'mod partikolari, il-qafas eżistenti ma jippermettix l-approvazzjoni tat-tip ta' magni ħfief maħsuba għall-użu bħala tagħmir ta' estensjoni tal-awtonomija f'vetturi heavy-duty. Sabiex jitnaqqsu l-piż regolatorju u l-kostijiet għall-manifatturi, huwa xieraq li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni li jippermettu l-użu u l-approvazzjoni tat-tip ta' tali magni għall-applikazzjoni f'vetturi heavy-duty.

Or. en

Emenda 79
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress*** li ***l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Filwaqt*** li ***r-regolamenti dwar l-Emissjonijiet*** f'Sewqan Reali ***(RDE, Real Driving Emissions) jiddefinixxu l-meded*** ta' temperaturi ***permessigħal finijiet ta'***

ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet*** ta' temperatura ***baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (***minn -7 °C sa 38 °C***)***. Għalhekk, ***biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti*** fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257***, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa peress li tali tneħħija mhux se tikkompromett l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***

ttestjar f'medda minn -7 °C sa 38 °C***, dawk il-meded ma jikkostitwixxux kundizzjonijiet tal-ittestjar obbligatorji u għalhekk ma hemm l-ebda rekwiżit li jitwettaq test tal-RDE f'-7 °C, u l-konformità f'dik it-temperatura għaldaqstant tibqa' teoretika pjuttost milli murija***. ***B'kuntrast ma' dan, it-test tal-laboratorju b'temperatura baxxa jissoġġetta l-vetturi għal kundizzjonijiet standardizzati u kkontrollati f'temperatura ta' − 7 °C bl-użu taċ-Ċiklu ta' Sewqan Urban, li jippermetti kejl ripetibbli u komparabbli tal-emissjonijiet ta' startjar kiesaħ. L-emissjonijiet ta' startjar kiesaħ jirrappreżentaw fażi kritika li matulha l-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju (CO) u tal-idrokarburi (HC), b'mod partikolari mill-vetturi tal-petrol, jiżdiedu b'mod sinifikanti minħabba t-tħaddim ineffiċjenti tas-sistema wara t-trattament qabel it-tisħin, u jammontaw għal proporzjon kbir tal-emissjonijiet urbani totali. Peress li dawk l-emissjonijiet ma jistgħux jinqabdu b'mod konsistenti permezz tat-test tal-RDE, li huwa soġġett għal varjabbiltà fid-dinja reali fl-imġiba tas-sewqan u fil-kundizzjonijiet tat-traffiku, iż-żewġ testijiet huma komplementari u jservu skopijiet distinti u l-koeżistenza tagħhom ma tikkostitwixxix duplikazzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li l-obbligu tat-test tat-temperatura baxxa ġie ttrasferit mir-Regolament (KE) Nru 715/2007***[16a] ***għar-Regolament (UE) 2024/1257, il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet korrispondenti għas-CO u l-HC tħallew barra involontarjament minn dan tal-aħħar.*** Għalhekk, ***huwa xieraq li jinżamm l-obbligu tat-test fil-laboratorju b'temperatura baxxa*** fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257 ***u li jiġu introdotti mill-ġdid valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għas-CO u l-HC mhux inqas stretti minn dawk applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007, sabiex tiġi riflessa l-intenzjoni oriġinali tal-koleġiżlaturi u jinżamm livell għoli ta'***

protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika.

---

*[16a] **Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, pp. 1–16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/715/2020-09-01)***

Or. en

Emenda 80
Antonín Staněk, Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Matthieu Valet, Valérie Deloge, Klara Dostalova

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C).*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżit iddedikat*** tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***waqt l-approvazzjoni tat-tip fejn applikabbli.***

xieraq li ***jitneħħa dak ir-rekwiżit*** iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkompromett l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Euro 7 fil-biċċa l-kbira jippreżerva l-qafas Euro 6, inklużi l-limiti tal-emissjonijiet u l-ittestjar tad-WLTP/RDE. Madankollu, filwaqt li t-test tat-Tip 6 b'temperatura baxxa (-7°C) għadu elenkat, il-proċedura u l-limiti tiegħu tħallew barra, u dan ħoloq obbligu ta' ttestjar mingħajr standards definiti. L-emenda tneħħi t-test tat-Tip 6 obbligatorju għall-approvazzjoni tat-tip filwaqt li żżomm il-limiti ta' temperatura baxxa tal-Euro 6, bil-konformità murija permezz ta' dikjarazzjoni ta' konformità tal-manifattur.

Emenda 81
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C).*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***jitneħħa dak ir-rekwiżit*** iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkompromett l-***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżit iddedikat*** tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***waqt l-approvazzjoni tat-tip fejn applikabbli.***

istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali

Or. en

Emenda 82
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C).*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***jitneħħa dak ir-rekwiżit*** iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkompromietti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżit iddedikat*** tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***waqt l-approvazzjoni tat-tip fejn applikabbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni ambjentali filwaqt li jiġi evitat l-ittestjar fiżiku żejjed, l-obbligu legali ta' konformità mal-limiti tal-emissjonijiet b'temperatura baxxa għandu jiġi ppreżervat billi jiġu introdotti mill-ġdid il-limiti tal-emissjonijiet b'temperatura

baxxa tal-Euro 6.

Emenda 83
Alexandr Vondra, Beatrice Timgren, Stefano Cavedagna, Ondřej Krutílek, Claudiu-Richard Târziu, Laurence Trochu, Adrian-George Axinia, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C).*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***jitneħħa dak ir-rekwiżit*** iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżit iddedikat*** tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***waqt l-approvazzjoni tat-tip fejn applikabbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament (UE) 2024/1257 (Euro 7) kien maħsub biex jippreżerva l-qafas Euro 6 għall-emissjonijiet ta' vetturi ħfief. Madankollu, filwaqt li t-test tat-Tip 6 b'temperatura baxxa jibqa' formalment "meħtieġ", il-proċedura u l-valuri ta' limitu relatati ma ġewx trasposti, u dan ħoloq inċertezza legali. L-Omnibus tal-Karozzi jneħħi l-ittestjar obbligatorju tal-approvazzjoni tat-Tip 6. Din l-emenda tiżgura li l-konformità mal-limiti ta' temperatura baxxa tal-Euro 6 tibqa' infurzabbli permezz tad-dikjarazzjoni tal-manifattur u s-sorveljanza tas-suq.

Emenda 84
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C).*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***jitneħħa dak ir-rekwiżit*** iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżit iddedikat*** tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***waqt l-approvazzjoni tat-tip fejn applikabbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament (UE) 2024/1257 (Euro 7) kien maħsub biex fil-biċċa l-kbira jippreżerva l-qafas Euro 6. Madankollu, filwaqt li t-test b'temperatura baxxa jibqa' elenkat bħala meħtieġ, il-proċedura u l-valuri ta' emissjonijiet korrispondenti ma ġewx trasposti, u dan ħoloq lakuna legali. Il-proposta tal-Omnibus tal-Karozzi tneħħi t-test obbligatorju, li jista' jdgħajjef il-kontroll tal-emissjonijiet b'temperatura baxxa meta mqabbel mal-Euro 6. Din l-emenda tneħħi din il-lakuna billi żżomm il-konformità mal-limiti ta' temperatura baxxa tal-Euro 6 permezz tad-dikjarazzjonijiet tal-manifattur u s-sorveljanza tas-suq.

Emenda 85
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C).*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***jitneħħa dak ir-rekwiżit*** iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkompromietti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li ***tiġi ddikjarata l-konformità mar-rekwiżit iddedikat*** tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***waqt l-approvazzjoni tat-tip fejn applikabbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Regulation (EU) 2024/1257 (Euro 7) was adopted with the clear legislative intent to largely carry over the Euro 6 framework for light-duty vehicle exhaust emissions, except where explicitly modified or where new requirements were introduced. This continuity is reflected in the retention of Euro 6 limit values in Annex I and of the WLTP and RDE test procedures in Annex III. Under Euro 6, low-temperature exhaust emissions are addressed through a dedicated laboratory test at –7 °C (Type 6), including specific emission limit values defined in UN Regulation No. 83. In the current Euro 7 legal text, however, the low-temperature test is only listed as "required" in Annex V, while the corresponding test procedure and legally binding emission limit values are not transposed. This creates a regulatory gap: a formal testing obligation exists without defined limit values, undermining legal certainty and disrupting alignment with both Euro 6 and the relevant UN framework. The European Commission's Automotive Omnibus proposal deletes the mandatory Type 6 test at type-

approval. While this contributes to simplification and cost reduction, it would, in the absence of explicit legal reference values, structurally weaken the Euro 7 framework compared to Euro 6 with regard to low-temperature emission control. This situation appears to result from an unintended omission rather than a deliberate policy choice to relax environmental protection. The proposed amendment therefore clarifies that the dedicated low-temperature laboratory test is no longer required at type-approval, while maintaining the underlying legal obligation to comply with low-temperature emission limits as carried over from Euro 6.

Emenda 86
Merja Kyllönen, Andreas Schwab, Jan-Christoph Oetjen, Eero Heinäluoma, Pekka Toveri, Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa peress li tali tneħħija mhux se tikkompromett l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). ***Madankollu, l-esperjenza f'ċerti reġjuni tal-Unjoni wriet li kundizzjonijiet klimatiċi estremi jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet f'operat fid-dinja reali.*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi tal-kontroll tal-emissjonijiet jibqgħu effettivi u affidabbli f'kull kundizzjoni ta' operat rilevanti fl-Unjoni, mingħajr kompromess*** peress li

tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali

Or. en

Emenda 87
Katri Kulmuni, Valérie Devaux, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Merja Kyllönen, Elsi Katainen, Aura Salla, Mika Aaltola, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa peress li tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). ***Madankollu, l-esperjenza f'ċerti reġjuni tal-Unjoni wriet li kundizzjonijiet klimatiċi estremi jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet f'operat fid-dinja reali.*** Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa ***filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi tal-kontroll tal-emissjonijiet jibqgħu effettivi u affidabbli f'kull kundizzjoni ta' operat rilevanti fl-Unjoni, mingħajr kompromess*** peress li tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-

Emenda 88
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta’ vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta’ magni f’temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress*** li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta’ temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta’ partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f’Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f’kundizzjonijiet ta’ temperatura baxxa (f’-7 °C) ***hija*** koperta mill-ħtieġa ta’ konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f’Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). ***Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b’temperatura*** baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkompromett l-istandards*** ambjentali ***żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f’Sewqan Reali***	(17) Il-manifatturi ta’ vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta’ magni f’temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Madankollu, l-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257 ma kienx jinkludi limiti speċifiċi tal-emissjonijiet għal dan it-test. Filwaqt*** li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta’ temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta’ partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f’Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f’kundizzjonijiet ta’ temperatura baxxa (f’-7 °C) ***teoretikament tista’ titqies*** koperta mill-ħtieġa ta’ konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f’Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). ***Iżda fil-prattika, il-kundizzjonijiet ta’ temperatura*** baxxa ***spiss ma jiġux osservati fl-Unjoni u għalhekk ma jiġux ittestjati permezz tat-test tal-RDE. Dan jirriskja li jimmina s-salvagwardji tal-konsumatur,*** ambjentali ***u tas-saħħa, kif indikat ukoll minn diversi partijiet ikkonċernati fil-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati. Għalhekk huwa meħtieġ li jinżammu t-testijiet tal-magni fil-laboratorju f’temperaturi baxxi u li jiżdiedu limiti tal-emissjonijiet iddedikati biex tiġi rrispettata r-rieda tal-koleġiżlaturi.***

Emenda 89
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Peress*** li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) ***hija*** koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). ***Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura*** baxxa ***peress li tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards*** ambjentali ***żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali***	(17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. ***Madankollu, il-limiti speċifiċi tal-emissjonijiet għal dan it-test tħallew barra b'mod mhux rakkomandat mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257. Filwaqt*** li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali ***(RDE)***, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f'-7 °C) ***teoretikament tista' tkun*** koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). ***Fil-prattika, madankollu, il-kundizzjonijiet ta' temperatura*** baxxa ***spiss ma jiġux osservati u għalhekk ma jiġux ittestjati skont l-RDE, u dan ipoġġi f'riskju s-salvagwardji tas-saħħa, tal-konsumatur u*** ambjentali***, kif innotat fil-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati. Sabiex tiġi rrispettata l-intenzjoni tal-koleġiżlaturi, huwa għalhekk meħtieġ li jinżammu t-testijiet tal-magni fil-laboratorju f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa u li tiżdied tabella korrispondenti tal-valuri limitu tal-emissjonijiet.***

Or. en

Emenda 90
Katri Kulmuni, Valérie Devaux, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Merja Kyllönen, Elsi Katainen, Aura Salla, Mika Aaltola

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet kif ukoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħhom permezz ta' sistemi OBM, jeħtieġ li jiġi ċċarat il-qafas regolatorju applikabbli għas-sistemi li jibbażaw fuq reaġenti, bħar-riduzzjoni katalitika selettiva (SCR), b'mod partikolari f'kundizzjonijiet klimatiċi estremi. Fejn tali kundizzjonijiet jistgħu jfixklu l-funzjonament ta' tali sistemi, jenħtieġ li jkunu permessi soluzzjonijiet proporzjonati u teknoloġikament newtrali, inklużi adattamenti tas-sistema jew l-użu ta' reaġenti alternattivi, dment li jiġi żgurat rendiment ekwivalenti tal-emissjonijiet. Dan huwa essenzjali biex jiġu pprevenuti żidiet fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fid-dinja reali, b'mod partikolari l-ossidi tan-nitroġenu (NOx), u biex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet fir-reġjuni kollha tal-Unjoni. Tali kjarifika jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-evitar ta' kostijiet taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid bla bżonn, filwaqt li tiżgura l-funzjonament kontinwu tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet matul il-ħajja tal-vettura, inkluż għal vetturi li diġà qed jintużaw fejn jistgħu jkunu meħtieġa adattamenti proporzjonati. Minħabba li japplikaw teknoloġiji u rekwiżiti regolatorji simili għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, jenħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza mar-Regolament (UE) 2016/1628, sabiex ikun jista' jsir tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Operational experience in several regions of the Union indicates that emission control systems relying on reagents, in particular Selective Catalytic Reduction systems using AdBlue, may encounter reliability and performance challenges under extreme low-temperature conditions. This may reduce the effectiveness of emission control in real-world operation and contribute to increased emissions of pollutants, notably nitrogen oxides (NOx). Such technical limitations may also result in significant economic and environmental costs, including increased repair and maintenance costs, premature replacement of components and delays in fleet renewal, thereby hindering the uptake of newer, more fuel-efficient and lower-emission vehicles. It is therefore appropriate to clarify that proportionate and technology-neutral adaptations of such systems, including alternative technical solutions and, where appropriate, alternative approved reagents under specific operating conditions, should be capable of being approved, provided that equivalent emission performance is ensured. This should improve the reliability and effectiveness of emission control systems throughout the Union while reducing unnecessary administrative and economic burdens and supporting the Union's environmental and climate objectives.

Emenda 91
Merja Kyllönen, Andreas Schwab, Jan-Christoph Oetjen, Sebastian Tynkkynen, Eero Heinäluoma, Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet kif ukoll il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħhom permezz ta' sistemi OBM, jeħtieġ li jiġi ċċarat il-qafas regolatorju applikabbli għas-sistemi li jibbażaw fuq reaġenti, bħar-riduzzjoni katalitika selettiva (SCR), b'mod partikolari f'kundizzjonijiet klimatiċi estremi. Fejn tali kundizzjonijiet jistgħu jfixklu l-funzjonament ta' tali sistemi, jenħtieġ li jkunu permessi soluzzjonijiet proporzjonati u teknoloġikament newtrali, inklużi adattamenti tas-sistema jew l-użu ta' reaġenti alternattivi, dment li jiġi żgurat rendiment ekwivalenti tal-emissjonijiet. Dan huwa essenzjali biex jiġu pprevenuti

żidiet fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fid-dinja reali, b'mod partikolari l-ossidi tan-nitroġenu (NOx), u biex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet fir-reġjuni kollha tal-Unjoni. Tali kjarifika jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-evitar ta' kostijiet taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid bla bżonn, filwaqt li tiżgura l-funzjonament kontinwu tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet matul il-ħajja tal-vettura, inkluż għal vetturi li diġà qed jintużaw fejn jistgħu jkunu meħtieġa adattamenti proporzjonati. Minħabba li japplikaw teknoloġiji u rekwiżiti regolatorji simili għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, jenħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza mar-Regolament (UE) 2016/1628, sabiex ikun jista' jsir tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Operational experience in several regions of the Union indicates that emission control systems relying on reagents, in particular Selective Catalytic Reduction systems using AdBlue, may encounter reliability and performance challenges under extreme low-temperature conditions. This may reduce the effectiveness of emission control in real-world operation and contribute to increased emissions of pollutants, notably nitrogen oxides (NOx).Such technical limitations may also result in significant economic and environmental costs, including increased repair and maintenance costs, premature replacement of components and delays in fleet renewal, thereby hindering the uptake of newer, more fuel-efficient and lower-emission vehicles. It is therefore appropriate to clarify that proportionate and technology-neutral adaptations of such systems, including alternative technical solutions and, where appropriate, alternative approved reagents under specific operating conditions, should be capable of being approved, provided that equivalent emission performance is ensured. This should improve the reliability and effectiveness of emission control systems throughout the Union while reducing unnecessary administrative and economic burdens and supporting the Union's environmental and climate objectives.

Emenda 92
Valérie Devaux, Nikola Minchev, Benoit Cassart, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2024/1257 jistabbilixxi l-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet fiċ-ċiklu ta' sewqan standard li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2035 għat-teknoloġiji kollha tal-motopropulsjoni, skont il-kategorija tal-vettura. Mill-1 ta' Jannar 2035, dawk il-limiti japplikaw b'mod uniformi għat-teknoloġiji kollha tas-sistemi tal-motopropulsjoni, filwaqt li limiti differenzjati japplikaw għal dati aktar bikrija skont it-teknoloġija tas-sistema tal-motopropulsjoni kkonċernata. Dak l-approċċ kien ibbażat fuq is-suppożizzjoni li, mill-1 ta' Jannar 2035, il-vetturi ġodda kollha rreġistrati se jkunu PEV u għalhekk jiġġeneraw emissjonijiet aktar baxxi ta' partikoli tal-brejkijiet minħabba ż-żieda fl-użu ta' sistemi tal-ibbrejkjar riġenerattiv. Fid-dawl tal-possibbiltà li l-vetturi ibridi u b'magna tal-kombustjoni interna jistgħu jkomplu jiġu introdotti fis-suq wara dik id-data, huwa xieraq li jinżammu limiti differenzjati tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet skont it-teknoloġija tas-sistema tal-motopropulsjoni wara l-1 ta' Jannar 2035.

Or. en

Emenda 93
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Kwalunkwe differiment tal-applikazzjoni tal-istandards tal-Euro mid-dati ta' applikazzjoni attwali tagħhom se jagħmilha ħafna aktar diffiċli għall-manifatturi tat-trakkijiet li jilħqu l-miri

tagħhom għall-bejgħ ta' trakkijiet b'emissjonijiet żero. Il-kompetittività industrijali tal-Ewropa wkoll hija appoġġata bl-applikazzjoni tal-istandards tal-Euro kif skedata bħalissa. Id-differiment tal-applikazzjoni tagħhom ipoġġi f'riskju akbar is-suq Ewropew tat-trakkijiet elettriċi fid-dawl tal-kompetizzjoni internazzjonali. Is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa tiddgħajjef ukoll, u t-tniġġis tal-arja jiżdied. It-trakkijiet jaħarqu madwar 20 % tad-domanda għaż-żejt mit-trasport bit-triq. L-istandards tal-Euro huma miżura ewlenija ta' appoġġ fit-tranżizzjoni lejn it-trakkijiet elettriċi.

Or. en

Emenda 94
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) L-UE jeħtieġ li tkompli tappoġġa l-bidla lejn mobbiltà kompletament elettrika b'emissjonijiet żero fit-trasport tal-merkanzija bit-trakkijiet. L-ICCT ikkalkula li d-differiment tal-applikazzjoni tal-Euro 7 għat-trakkijiet u x-xarabanks bi 18-il xahar iżid is-sustanzi niġġiesa tal-NOx b'230 kilotunnellata sal-2050. Dan jirriżulta fi 18 000 sena ta' ħajja mitlufa, jew 1 240 mewta prematura addizzjonali. L-Euro 7 jintroduċi wkoll standards tant meħtieġa għat-tajers ġodda, filwaqt li jneħħi tajers ta' kwalità baxxa u li jiddegradaw malajr minn bejgħ ġdid, li min-naħa tiegħu se jnaqqas it-tniġġis tal-mikropartikoli li jaffettwa l-arja, l-art u l-korpi tal-ilma. Id-dewmien tal-istandards tal-Euro joħloq ukoll inċertezza u jnaqqas ir-ritmu tal-investiment fit-teknoloġija nadifa, inkluż fl-infrastruttura tal-irriċarġjar għall-vetturi heavy-duty. Id-

differiment tal-istandards tal-vetturi heavy-duty tal-Euro jkun ta' ħsara għas-saħħa taċ-ċittadini u lill-kompetittività industrijali Ewropea, u jenħtieġ li jiġi evitat.

Or. en

Emenda 95
François Kalfon, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-vetturi elettriċi ibridi plug-in (PHEVs) kisbu sehem sinifikanti mis-suq f'dawn l-aħħar snin, parzjalment minħabba li l-valuri uffiċjali tagħhom tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-approvazzjoni tat-tip, iddeterminati abbażi tal-metodoloġija tal-fattur ta' utilità (UF), huma sostanzjalment aktar baxxi mill-emissjonijiet tas-CO2 tad-dinja reali tagħhom. Il-fattur ta' utilità jirrifletti s-sehem stmat tad-distanza misjuqa fil-modalità eżawriment taċ-ċarġ u huwa derivat fl-approvazzjoni tat-tip minn kurva tal-fattur ta' utilità li tiddependi mill-awtonomija elettrika fil-modalità eżawriment taċ-ċarġ. Aktar ma dik l-awtonomija tkun għolja, aktar ikun għoli l-fattur ta' utilità u aktar ikun baxx il-valur uffiċjali tas-CO2 li jirriżulta. Id-data dwar il-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija (OBFCM) miġbura mill-PHEVs irreġistrati fl-Unjoni tikkonferma li l-vetturi elettriċi ibridi plug-in jiġu ċċarġjati u mħaddma bl-elettriku b'mod ferm inqas frekwenti fid-dinja reali milli tassumi l-kurva tal-fattur ta' utilità, u dan jirriżulta f'distakk kbir u persistenti bejn l-emissjonijiet tas-CO2 approvati skont it-

tip u dawk fid-dinja reali. Dak id-distakk jagħti vantaġġ ta' konformità mhux xieraq lill-PHEVs meta mqabbla kemm mal-vetturi b'magna tal-kombustjoni interna kif ukoll mal-vetturi elettriċi bil-batterija fil-kuntest tal-miri għas-CO2 tal-manifattur. Filwaqt li l-Kummissjoni diġà introduċiet żewġ korrezzjonijiet suċċessivi fil-kurva oriġinali tal-UF, ir-riskju strutturali ta' diverġenza mġedda bejn il-kurva tal-UF u l-imġiba reali tal-iċċarġjar jibqa' hekk kif jevolvu t-teknoloġija u x-xejriet tal-użu tal-vetturi. Sabiex jiġi żgurat li l-kurva tal-UF tkompli tirrifletti l-imġiba tas-sewqan fid-dinja reali u li l-PHEVs ma jibbenefikawx minn vantaġġ sistematiku ta' konformità, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, abbażi tad-data tal-OBFCM, metodoloġija għall-aġġornament annwali tal-kurva tal-UF tal-approvazzjoni tat-tip sabiex jinżamm distakk bejn l-approvazzjoni tat-tip u l-emissjonijiet tas-CO2 fid-dinja reali għall-PHEVs li huwa komparabbli ma' dak osservat għall-vetturi b'magna tal-kombustjoni interna.

Or. en

Emenda 96
Nikola Minchev, Valérie Devaux, Katri Kulmuni, Svenja Hahn, Andreas Glück

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Minħabba l-iżvilupp kontinwu tal-proċeduri tal-ittestjar armonizzati għall-vetturi heavy-duty għall-emissjonijiet tal-brejkijiet skont in-NU/KEE, huwa xieraq li jiġu aġġustati ż-żmien u l-istruttura tad-dispożizzjonijiet relatati mal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet għal dawn il-vetturi. Il-limiti tal-emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet għall-vetturi heavy-duty jenħtieġ li jiġu introdotti ladarba l-

proċeduri tal-ittestjar rilevanti jkunu ġew iffinalizzati u vverifikati, u tinġabar biżżejjed data biex tappoġġa l-istabbiliment ta' limiti regolatorji applikabbli mill-1 ta' Jannar 2035. Filwaqt li jitqies l-użu dejjem akbar ta' vetturi heavy-duty elettrifikati f'kundizzjonijiet operattivi urbani u suburbani, kif ukoll it-tqegħid kontinwu fis-suq ta' vetturi b'teknoloġiji oħra tas-sistema tal-motopropulsjoni, jenħtieġ li l-limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet jiġu stabbiliti mit-teknoloġija tas-sistema tal-motopropulsjoni aktar milli jiġu applikati b'mod uniformi.

Or. en

Emenda 97
Zala Tomašič

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-Euro 7 għall-vetturi heavy-duty jenħtieġ li tqis l-istat ta' prontezza teknoloġika tal-manifatturi, id-disponibbiltà ta' komponenti konformi u l-kompetittività ġenerali tal-industrija awtomobilistika Ewropea. Sabiex jiġi vvalutat jekk id-dati riveduti tal-applikazzjoni għadhomx xierqa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u l-progress teknoloġiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament qabel l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Euro 7 għall-vetturi heavy-duty.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Klawżola ta' rieżami tiżgura li l-iskeda ta' żmien tal-applikazzjoni tibqa' allinjata mal-

iżviluppi teknoloġiċi, il-prontezza industrijali u l-kompetittività tas-settur awtomobilistiku Ewropew.

Emenda 98
Daniel Attard

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Kwalunkwe estensjoni tal-iskadenzi tal-implimentazzjoni tal-Euro 7 għall-vetturi heavy-duty jenħtieġ li tibqa' limitata u proporzjonata u jenħtieġ li ma timminax l-objettivi ambjentali jew l-effettività ġenerali tal-qafas tal-Euro 7.

Or. en

Emenda 99
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika (OBFCM), li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kontrolli tal-konformità f'ħin reali, l-isforzi ta' armonizzazzjoni, is-sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-ittestjar, u miżuri ta' infurzar simplifikati. Sabiex id-data tal-OBM u tal-OBFCM tiġi riċevuta, ipproċessata u maħżuna b'mod effiċjenti, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni jkopri wkoll l-adozzjoni ta' metodi u rekwiżiti	***imħassar***

meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta' vetturi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The obligation to collect real-world consumption data linked to the vehicle identification number (personal data within the meaning of Regulation (EU) 2016/679) was introduced to compensate for the inadequacy of laboratory test procedures discredited by the 2015 emissions scandal. With Real Driving Emissions testing under Regulation (EU) 2017/1151 and WLTP now providing validated on-road measurements, that rationale has been entirely superseded. Continuously tracking the routes, fuel consumption and timing of every vehicle owner in the Union, linked to a unique vehicle identification number, to verify compliance with the Union's own type-approval tests constitutes mass surveillance of private property that is neither necessary nor proportionate. Where the Union's test procedures prove inadequate, the appropriate remedy is to improve those procedures and not to access the private property of citizens. The legal basis for this data collection should therefore be deleted in its entirety.

Emenda 100
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika (OBFCM), li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kontrolli tal-konformità f'ħin reali, l-isforzi ta' armonizzazzjoni, is-sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-ittestjar, u miżuri ta' infurzar simplifikati. Sabiex id-data tal-OBM u tal-OBFCM tiġi riċevuta, ipproċessata u maħżuna b'mod effiċjenti, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni jkopri wkoll l-adozzjoni ta' metodi u rekwiżiti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta'	(19) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika (OBFCM), li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kontrolli tal-konformità f'ħin reali, l-isforzi ta' armonizzazzjoni, is-sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-ittestjar, u miżuri ta' infurzar simplifikati. Sabiex id-data tal-OBM u tal-OBFCM tiġi riċevuta, ipproċessata u maħżuna b'mod effiċjenti ***u sigur***, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni jkopri wkoll l-adozzjoni ta' metodi u rekwiżiti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta'

vetturi.	vetturi ***u tal-konformità mar-Regolament (UE) 2023/2854 ("l-Att dwar id-Data")***[16b].
	[16b] Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L, 2023/2854, 22.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2854/oj).
	Or. en

Emenda 101
Alexandr Vondra, Beatrice Timgren, Stefano Cavedagna, Ondřej Krutílek, Claudiu-Richard Târziu, Laurence Trochu, Adrian-George Axinia, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika (OBFCM), li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kontrolli tal-konformità ***f'ħin reali***, l-isforzi ta' armonizzazzjoni, is-sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-ittestjar, u miżuri ta' infurzar simplifikati. Sabiex id-data tal-OBM u tal-OBFCM tiġi riċevuta, ipproċessata u maħżuna b'mod effiċjenti, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni jkopri wkoll l-adozzjoni ta' metodi u rekwiżiti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta' vetturi.	(19) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika (OBFCM), li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kontrolli tal-konformità, l-isforzi ta' armonizzazzjoni, is-sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-ittestjar, u miżuri ta' infurzar simplifikati. Sabiex id-data tal-OBM u tal-OBFCM tiġi riċevuta, ipproċessata u maħżuna b'mod effiċjenti, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni jkopri wkoll l-adozzjoni ta' metodi u rekwiżiti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta' vetturi.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Monitoraġġ Abbord (OBM) ma jipprovdix verifika tal-konformità f'ħin reali. Minflok, id-data tal-monitoraġġ tinġabar u tiġi trażmessa f'intervalli definiti, li jipprovdu sorveljanza perjodika tal-prestazzjoni tal-vettura aktar milli valutazzjoni kontinwa tal-konformità.

Emenda 102
Jens Gieseke, Zala Tomašič, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi rekwiżiti għall-brix tat-tajers biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet mhux tal-egżost, li huma sors ewlieni ta' mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent. L-iżvilupp tal-limiti tal-brix u tal-metodi tal-ittestjar għat-tajers tal-klassi C3 jinvolvi kumplessità teknika addizzjonali minħabba d-diversità tat-tipi u tal-applikazzjonijiet tat-tajers u l-fatt li l-metodoloġiji żviluppati għat-tajers tal-klassi C1 u C2 ma jistgħux jiġu applikati direttament għat-tajers tal-klassi C3. Sabiex jiġi żgurat li l-limiti tal-brix għat-tajers tal-klassi C3 ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika robusta u proċeduri ta' ttestjar xierqa, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għall-iżvilupp tal-metodi tal-ittestjar, għall-valutazzjoni tal-impatti fuq is-suq u għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu xierqa. L-iskedi ta' żmien applikabbli għat-tajers tal-klassi C3 għalhekk jenħtieġ li jiġu aġġustati kif xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tiżgura skeda ta' żmien realistika għall-implimentazzjoni għat-tajers tal-klassi C3 billi testendi b'sentejn l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 11(6) u l-Artikolu 15(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2024/1257. Il-ħidma fuq it-tajers tal-klassi C1 uriet il-kumplessità tal-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar, limiti tal-prestazzjoni u dispożizzjonijiet ta'

ekwivalenza. Peress li xogħol simili għat-tajers tal-klassi C3 diġà qed jiffaċċja dewmien minħabba dawn l-isfidi, l-iskeda ta' żmien attwali ma għadhiex meqjusa fattibbli u jenħtieġ li tiġi aġġustata kif xieraq.

Emenda 103
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Il-varar kontinwu ta' vetturi ġodda b'emissjonijiet żero ma huwiex biss ta' benefiċċju għall-klima iżda wkoll għall-kwalità tal-arja. Għalhekk, kwalunkwe bidla fl-istandards ta' rendiment tal-emissjonijiet tas-CO2 stabbiliti għal karozzi u vannijiet ġodda skont ir-Regolament (UE) 2019/631 x'aktarx li jkollha impatti fuq il-kwalità tal-arja. Sal-31 ta' Diċembru 2027, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk il-limiti tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1257 jeħtiġux li jiġu emendati biex jinżamm livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa fl-Unjoni fid-dawl ta' żviluppi ġodda fl-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2.

Or. en

Emenda 104
Michael Bloss, Alice Kuhnke, Virginijus Sinkevičius

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) It-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero tirrikjedi li l-utenti finali jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi tal-irriċarġjar b'kundizzjonijiet ekwi,

trasparenti u mhux diskriminatorji fl-Unjoni. Filwaqt li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2023/1804 jirrikjedi li kwalunkwe differenzjazzjoni fil-prezzijiet imposti mill-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku tkun proporzjonata u oġġettivament ġustifikata, u n-nuqqas ta' kjarifika ulterjuri jista' jwassal għal interpretazzjonijiet diverġenti u inċertezza legali, għad-detriment tas-suq intern u l-fiduċja tal-konsumatur. Dan iwassal ukoll għal prezzijiet għoljin wisq fl-istazzjonijiet tal-iċċarġjar, sitwazzjoni li jeħtieġ li tinbidel immedjatament. Għalhekk huwa xieraq li jiġi żgurat li l-infrastruttura u s-servizzi tal-provvista tal-enerġija jiġu separati u li tiġi definita, fil-livell tal-Unjoni, it-tifsira tal-proporzjonalità f'dan il-kuntest, sabiex jiġi żgurat li d-differenzi fil-prezzijiet għall-istess kwantità ta' elettriku fornut taħt kundizzjonijiet komparabbli jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti u ma jirriżultawx fi ħlasijiet addizzjonali sproporzjonati unikament minħabba li sessjoni tal-irriċarġjar tiġi ffaċilitata permezz ta' fornitur ta' servizz ta' mobbiltà li ma jkunx parti mill-istess impriża bħall-operatur tal-punt tal-irriċarġjar. Tali definizzjoni jenħtieġ li essenzjalment tnaqqas l-hekk imsejħa kostijiet tar-roaming u tipprevjeni differenzjali arbitrarji fil-prezzijiet li joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni, jimminaw l-interoperabbiltà jew jiskoraġġixxu l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Bħala parti mir-rieżami li jmiss tar-Regolament (UE) 2023/1804, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa bis-sħiħ din il-kwistjoni mbagħad tressaq proposta leġiżlattiva biex tindirizza l-kwistjoni. Dan iwassal għal trasparenza, kompetizzjoni u prezzijiet ġusti.

Or. en

Emenda 105
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Roman Haider, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Is-simplifikazzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament isegwu loġika konsistenti: ineħħu r-rekwiżiti li ma għadhomx iżidu informazzjoni jew protezzjoni minħabba li l-istess bażi diġà hija koperta xi mkien ieħor. It-tneħħija tat-test iddedikat f'laboratorju b'temperatura baxxa, li huwa kopert mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, il-bidla għal ittestjar ta' dimostrazzjoni fil-livell tal-kategorija għall-magni heavy-duty, u r-revoka tar-regoli tal-Unjoni dwar l-istorbju li jidduplikaw ir-Regolamenti applikabbli tan-NU/KEE huma kollha eżempji ta' dan l-approċċ. Għad hemm duplikazzjonijiet komparabbli fil-qafas tal-emissjonijiet tar-Regolament (UE) 2024/1257, fejn l-ittestjar fil-laboratorju, il-kejl mis-sewqan reali, il-monitoraġġ tal-konformità waqt is-servizz u l-monitoraġġ abbord parzjalment ikopru l-istess bażi. Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu l-pass ta' simplifikazzjoni li jmiss abbażi tal-evidenza aktar milli każ b'każ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika b'mod sistematiku dawn id-duplikazzjonijiet li fadal u tirrapporta dwarhom.

Or. en

Emenda 106
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament jibqgħu proporzjonati u konsistenti mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza fit-toroq u dik ambjentali, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja u tivvaluta perjodikament l-impatt tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza fit-toroq, tal-prestazzjoni ambjentali u tal-użu ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet żero.

Or. en

Emenda 107
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Massimiliano Salini, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Adina Vălean, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Minħabba l-fatt li l-vetturi heavy-duty huma kkaratterizzati minn ċikli twal ta' żvilupp u ppjanar tal-produzzjoni, posponiment tad-data tal-applikazzjoni għar-rekwiżiti tal-Euro 7 għall-vetturi heavy-duty previsti fir-Regolament (UE) 2024/1257 jista' jipprovdi lill-manifatturi b'aktar żmien biex jikkonformaw mal-objettivi tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-Euro 7.

Or. en

Emenda 108
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Sabiex jiġi żgurat li l-limitu ta' 4,25 tunnellati applikabbli għall-vetturi b'emissjonijiet żero jibqa' xieraq maż-żmien, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirriżamina dak il-limitu sa mhux aktar tard mill-2032, filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi relatati mal-piż tal-batterija, kif ukoll is-sikurezza fit-toroq, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u tas-suq.

Or. en

Emenda 109
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikolu ***13(1)*** tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 huwa emendat kif ġej:	L-Artikolu ***3*** tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 huwa emendat kif ġej:

Or. en

Emenda 110
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) jiddaħħal il-punt (fa) li ġej:	***imħassar***
“	
(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-	

elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;

";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Vannijiet ta' aktar minn 3,5 tunnellati għadhom joħolqu riskji serji għas-sikurezza fit-toroq minħabba l-piż tagħhom. L-użu obbligatorju tat-takografi jiżgura l-konformità mal-liġijiet tas-sikurezza, jipprevjeni inċidenti relatati mal-għeja, u jippromwovi l-kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi. Dan jikkontribwixxi wkoll biex jinċentiva bidla aktar rapida lejn vannijiet elettriċi eħfef u jevita kwalunkwe lakuna għat-trakkijiet pick-up b'riskju aktar għoli.

Emenda 111
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) jiddaħħal il-punt (fa) li ġej:	***imħassar***
"	
(fa) (fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;	
";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-takografi huma l-istrumenti primarji għall-infurzar tal-obbligi tal-mistrieħ u tal-ħin tax-xogħol tas-sewwieqa skont ir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014. L-eżenzjoni tal-vetturi N2 elettriċi bil-batterija ta' inqas minn 4,25 tunnellati minn dawn ir-

rekwiżiti tirriskja li timmina l-infurzar għal segment dejjem jikber tal-flotta kummerċjali, li żżid ir-riskji relatati mal-għeja u li toħloq pressjoni fuq is-sewwieqa biex jevitaw il-mistrieħ adegwat. Ir-riskji assoċjati ma' sigħat twal ta' xogħol u pressjoni għall-konsenja ma jitnaqqsux bl-elettrifikazzjoni.

Emenda 112
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) jiddaħħal il-punt ***(fa)*** li ġej:	(1) jiddaħħal il-punt ***(j)*** li ġej:

Or. en

Emenda 113
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;	(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku***, vetturi purament elettriċi, vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament u vetturi b'ċellola tal-fjuwil***, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun hemm formulazzjoni ċara rigward il-kamp ta' applikazzjoni, bl-użu ta' termini minquxa fil-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, ikun aħjar li tiġi

evitata formulazzjoni ġenerika bħal "vetturi mmexxija permezz tal-elettriku" u li jintużaw kategoriji tekniċi ċari.

Emenda 114
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;***;**	(fa) vetturi***, li ma jinkludux vetturi tat-tip trakk pick-up,*** użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija ***esklużivament*** permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;

Or. en

Emenda 115
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Roman Haider, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija ***u mmexxija permezz tal-elettriku***, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;***;**	(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Unjoni diġà stabbiliet 4,25 tunnellati bħala l-limitu rilevanti għal dawn il-vetturi: Id-Direttiva (UE) 2025/2205 tippermetti lid-detenturi ta' liċenzja tal-kategorija B isuqu vetturi tal-merkanzija ta' sa 4,25 tunnellati. Iż-żamma tal-limitu tat-takografu għal 3,5 tunnellati għal vannijiet mhux elettriċi tikkontradixxi dik l-għażla u taqsam klassi waħda ta' vetturi skont is-sistema tal-motopropulsjoni għall-ebda raġuni funzjonali. It-tħassir tal-kriterju tal-propulsjoni jreġġa' lura l-koerenza fid-dritt tal-Unjoni. Ir-raġunijiet dettaljati huma stabbiliti fil-premessi (6) sa (8).

Emenda 116
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;***;**	(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku ***jew tal-idroġenu***, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;

Or. en

Emenda 117
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(fa) vetturi użati għat-trasport ta' merkanzija ***u mmexxija permezz tal-elettriku***, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati	(fa) vetturi ***elettriċi bil-batterija*** użati għat-trasport ***domestiku*** ta' merkanzija, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma

iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;**;**	tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi aċċelerat l-użu ta' vannijiet b'emissjonijiet żero u tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-Suq Intern, l-eżenzjoni mit-takografu għandha tapplika fl-UE kollha għall-vetturi kkonċernati, f'konformità mal-eżenzjoni proposta mir-regolatur tal-veloċità eċċessiva. Il-limitazzjoni tal-eżenzjoni għat-trasport domestiku tal-merkanzija tiżgura li l-operazzjonijiet transfruntiera u l-kabotaġġ jibqgħu soġġetti għar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ, inklużi l-installazzjoni u l-użu ta' takografu.

Emenda 118
Merja Kyllönen, Elsi Katainen, Maria Guzenina, Pekka Toveri, Sebastian Tynkkynen, Jens Gieseke, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) jiddaħħal il-punt (ia) li ġej:
	(ia) vetturi elettriċi bil-batterija użati għat-trasport ta' merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta' trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi aċċelerat l-użu ta' vannijiet b'emissjonijiet żero għat-trasport tal-merkanzija, u biex tiġi evitata aktar frammentazzjoni bla bżonn tas-Suq Intern tal-UE, l-eżenzjoni mit-takografu għandha tiġi applikata fl-UE kollha għall-vetturi kkonċernati, f'konformità mal-eżenzjoni proposta mir-regolatur tal-veloċità eċċessiva. Il-limitazzjoni tal-eżenzjoni għat-trasport domestiku tal-merkanzija se tiżgura li t-trasport transfruntier u l-kabotaġġ xorta jseħħu f'konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ, kif ukoll tirrikjedi l-installazzjoni u l-użu ta' takografu.

Emenda 119
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) jiżdied il-punt (s) li ġej:	***imħassar***
“	
(s) karavans bil-mutur, kif definiti fil-Parti A, il-punt 5.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, użati esklużivament għat-trasport mhux kummerċjali.”.	
”	

Or. en

Emenda 120
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) karavans bil-mutur, kif definiti fil-Parti A, il-punt 5.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, użati esklużivament għat-trasport mhux kummerċjali.”.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżenzjoni għal djar mobbli li ma jintużawx kummerċjalment mil-leġiżlazzjoni soċjali fit-

trasport bit-triq

Emenda 121
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:
	(ia) karavans bil-mutur, kif definiti fil-Parti A, il-punt 5.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, użati esklużivament għat-trasport mhux kummerċjali u b'massa massima permessibbli li taqbeż is-7,5 tunnellati.

Or. en

Emenda 122
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:
	(ia) karavans bil-mutur, kif definiti fil-Parti A, il-punt 5.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, użati esklużivament għat-trasport mhux kummerċjali

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżenzjoni għal djar mobbli li ma jintużawx kummerċjalment mil-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq

Emenda 123
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. ***Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal l-aħħar ġurnata tat-18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. ***Dik il-leġiżlazzjoni delegata għandha mill-inqas tispeċifika:*** ***(a) standards tal-interoperabbiltà u;*** ***(b) rekwiżiti tal-kodiċi tal-grilja għall-konverżjoni tal-enerġija bidirezzjonali abbord.*** ***Dawn ir-rekwiżiti tekniċi għandhom jiżguraw il-konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001, mar-Regolament (UE) 2023/1542 u mar-Regolament (UE) 2023/2854.***

Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-titjib teknoloġiku tal-funzjonalitajiet tal-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali u fejn xieraq, taġġorna l-atti delegati rilevanti jew tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 124
Andreas Schwab, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, ***mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw*** funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu***, fejn xieraq,*** rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) ***meħtieġa biex jiżguraw l-interoperabbiltà*** mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, ***u fejn applikabbli, il-kompatibbiltà ma'*** funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali***, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-konnessjoni mal-grilja, l-operat tas-sistema u r-regolazzjoni tas-suq tal-elettriku***. ***Meta r-rekwiżiti tal-konformità jkunu bbażati fuq standards tekniċi armonizzati,***

kemm parzjalment kif ukoll kompletament, l-atti delegati għandhom jiddefinixxu l-metodoloġija għall-verifika tal-konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità tal-kodiċi tan-network għall-komunikazzjoni ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) mal-infrastruttura tal-iċċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali għandha tiġi vverifikata fil-livell tal-UE waqt l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura.

Emenda 125
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi ***fir-rigward tal-interfaċċa*** tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali."	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu***, fejn xieraq,*** rekwiżiti tekniċi ***relatati mal-interfaċċa*** tal-komunikazzjoni u tal-hardware ***fir-rigward tal-konformità tal-kodiċi tan-network tal-konnessjoni mal-grilja armonizzata għal tipi ġodda ta' vetturi*** ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. ***Meta r-rekwiżiti tal-konformità jkunu bbażati fuq standards tekniċi armonizzati, kemm parzjalment kif ukoll kompletament, l-atti delegati għandhom***

jiddefinixxu l-metodoloġija għall-verifika tal-konformità.

Or. en

Emenda 126
Antonín Staněk, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout, Matthieu Valet, Valérie Deloge, Viktória Ferenc

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi ***fir-rigward tal-interfaċċa*** tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali."	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu***, fejn xieraq,*** rekwiżiti tekniċi relatati mal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ***fir-rigward tal-konformità tal-kodiċi tan-network tal-konnessjoni mal-grilja armonizzata għal tipi ġodda ta' vetturi*** ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. ***Meta r-rekwiżiti tal-konformità jkunu bbażati fuq standards tekniċi armonizzati, kemm parzjalment kif ukoll kompletament, l-atti delegati għandhom jiddefinixxu l-metodoloġija għall-verifika tal-konformità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament AFIR diġà jiżgura indirettament il-komunikazzjoni u l-interoperabbiltà fiżika

bejn il-PEVs, l-OVC-HEVs, l-infrastruttura tal-iċċarġjar, il-grilja tal-elettriku, u s-sistemi li jappoġġaw l-iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. L-element nieqes huwa ċ-ċertifikazzjoni tal-kodiċi tan-network fil-livell tal-UE. Il-verifika tal-konformità matul l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura tiżgura indirettament il-kompatibbiltà tal-ISO 15118-20, tappoġġa l-prontezza tal-V2G, u tevita d-duplikazzjoni regolatorja filwaqt li tibqa' teknikament fattibbli għall-manifatturi.

Emenda 127
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi ***fir-rigward tal-interfaċċa*** tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu***, fejn xieraq,*** rekwiżiti tekniċi relatati mal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ***fir-rigward tal-konformità tal-kodiċi tan-network tal-konnessjoni mal-grilja armonizzata għal tipi ġodda ta' vetturi*** ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. ***Meta r-rekwiżiti tal-konformità jkunu bbażati fuq standards tekniċi armonizzati, kemm parzjalment kif ukoll kompletament, l-atti delegati għandhom jiddefinixxu l-metodoloġija għall-verifika tal-konformità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-komunikazzjoni u l-interkonnessjoni bejn il-vetturi purament elettriċi (PEVs), il-vetturi

ibridi plug-in (OVC-HEVs), l-infrastruttura tal-iċċarġjar, il-grilja tal-elettriku u s-sistemi tal-enerġija stazzjonarji diġà huma koperti indirettament mill-AFIR. Il-konnessjoni nieqsa hija ċ-ċertifikazzjoni tal-kodiċi tan-network fil-livell tal-UE, mhux ir-rekwiżiti nazzjonali, biex jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-prontezza tas-sistema mill-vettura għall-grilja (V2G). Il-verifika tal-konformità matul l-approvazzjoni tat-tip tappoġġa l-kompatibbiltà tal-ISO 15118-20 filwaqt li tevita d-duplikazzjoni regolatorja.

Emenda 128
Nikola Minchev, Valérie Devaux, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027,*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali." ***L-att delegat għandu jiddefinixxi wkoll dežinjazzjoni lesta għall-V2G li għandha tiġi inkluża fiċ-Ċertifikat ta' Konformità ta' tipi ġodda ta' vetturi ta' vetturi purament elettriċi, li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti, kif ukoll il-metodoloġija ta' verifika tal-konformità bbażata, fejn applikabbli, fuq standards tekniċi armonizzati.***

Or. en

Emenda 129
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027,*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali." ***L-att delegat għandu jinkludi mill-inqas ir-rekwiżiti li ġejjin:*** ***a. standards tal-interoperabbiltà;*** ***b. sett ta' rekwiżiti tal-kodiċi tal-grilja għall-konverżjoni bidirezzjonali tal-enerġija abbord l-EV, kemm minn AC għal DC, kif ukoll minn DC għal AC;*** ***c. l-integrazzjoni tat-teknoloġija tal-iċċarġjar abbord li kapaċi tagħmel dawn il-konverżjonijiet tal-enerġija.***

Or. en

Emenda 130
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Roman Haider, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar***,*** ***mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar*** intelliġenti ***u*** bidirezzjonali."	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar***.*** ***Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu limitati għall-irriċarġjar*** intelliġenti ***unidirezzjonali***. ***Kwalunkwe parteċipazzjoni f'servizzi ta' trasferiment tal-enerġija mill-vettura għall-grilja jew*** bidirezzjonali ***għandha tibqa' volontarja u tirrikjedi l-kunsens espliċitu u revokabbli ta' sid il-vettura; ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti skont dan il-paragrafu ma għandhomx jobbligaw kapaċitajiet bidirezzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mandat ta' kapaċitajiet bidirezzjonali jġiegħel lis-sidien tal-vetturi jissussidjaw il-kostijiet tal-ibbilanċjar tal-grilja permezz tad-degradazzjoni tal-proprjetà privata tagħhom. Il-V2G mhijiex ipprojbita u s-sidien li jagħtu l-kunsens tagħhom jistgħu jipparteċipaw, iżda qafas ta' att delegat għal rekwiżiti tekniċi obbligatorji inevitabbilment iservi bħala l-bażi legali biex tiġi mġiegħla l-parteċipazzjoni permezz ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura. Il-batterija ta' vettura privata mhijiex assi tal-grilja pubblika. Għalhekk, l-għoti tas-setgħa jrid jikkonċerna biss l-iċċarġjar intelliġenti unidirezzjonali.

Emenda 131
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027,*** il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali***, inklużi iżda mhux limitati għar-rekwiżiti li ġejjin: standards tal-interoperabbiltà, sett ta' rekwiżiti tal-kodiċi tal-grilja għall-konverżjoni bidirezzjonali tal-enerġija abbord l-EV, kemm minn AC għal DC, kif ukoll minn DC għal AC, u l-integrazzjoni tat-teknoloġija tal-iċċarġjar abbord li kapaċi tagħmel dawn il-konverżjonijiet tal-enerġija***.

Or. en

Emenda 132
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric

Vehicles) u ta’ vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta’ rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali**.**	Vehicles) u ta’ vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta’ rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali***, filwaqt li jiżguraw l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċarġjar, il-grilji tal-elettriku u l-atturi tas-suq rilevanti, inklużi l-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar, il-fornituri tas-servizzi tal-mobbiltà u l-aggregaturi;***
	Or. en

Emenda 133
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta’ vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta’ vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta’ rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta’ vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta’ vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta’ rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. ***Dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu limitati għall-konnessjoni fiżika u l-protokoll ta’ komunikazzjoni, u għandhom jibnu fuq l-istandards tal-iċċarġjar diġà applikabbli***

skont ir-Regolament (UE) 2023/1804.

Or. en

Emenda 134
Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi ***fir-rigward tal-interfaċċa*** tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu***, fejn xieraq,*** rekwiżiti tekniċi ***relatati mal-interfaċċa*** tal-komunikazzjoni u tal-hardware ***fir-rigward tal-konformità tal-kodiċi tan-network tal-konnessjoni mal-grilja armonizzata għal tipi ġodda ta' vetturi*** ta' vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The communication and physical interconnection of pure electric vehicles (PEV) and off-vehicle charging hybrid electric vehicles (OVC-HEV) with the charging infrastructure, the electricity grid, and the stationary power systems capable of supporting smart and bidirectional charging functionalities is already indirectly guaranteed through the AFIR regulation. It is the network code certification on EU level, not on national level, that is the missing link in ensuring interoperability and V2G readiness while avoiding regulatory duplication. Under this proposal, network code compliance would be verified during vehicle type approval, indirectly ensuring ISO 15118_20 compatibility and offering a pragmatic, balanced compromise between regulatory objectives and technical feasibility for manufacturers.

Emenda 135
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler, Norbert Lins

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 49

Test fis-seħħ	*Emenda*
Artikolu 49	***(1a) Jitħassar l-Artikolu 49***
It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi ta' tmiem is-serje	
1. Soġġett għal-limiti speċifikati fil-Parti B tal-Anness V, u biss għal perijodu limitat ta' żmien kif speċifikat fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirreġistraw u jippermettu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha ma għadhiex aktar valida.	
L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi fit-territorju tal-Unjoni li kienu koperti b'approvazzjoni tat-tip tal-UE fil-mument tal-produzzjoni tagħhom u li ma kinux ġew irreġistrati jew tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni qabel dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tilfet il-validità tagħha.	
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss, fil-każ ta' vetturi kompleti, għal perijodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha skadiet il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, fil-każ ta' vetturi kompluti, għal perijodu ta' 18-il xahar minn dik id-data.	
3. Manifattur li jixtieq igawdi mill-paragrafu 1 għandu jibgħat talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru konċernat mir-reġistrazzjoni jew mit-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi inkwistjoni. It-talba għandha tispeċifika r-	

raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li minħabba fihom dawk il-vetturi mhumiex konformi mar-rekwiżiti tekniċi l-ġodda.

L-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu tali talba, jekk jippermettux ir-reġistrazzjoni jew mit-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' dawk il-vetturi fit-territorju tagħhom, u f'dak il-każ, in-numru ta' tali vetturi.

4. L-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri adatti biex jiżguraw li l-għadd ta' vetturi li jiġu reġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fil-qafas tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu jkun immonitorjat b'mod effettiv.

Or. en

((32018R0858))

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu eliminati l-frammentazzjoni tas-suq u l-piż amministrattiv li jirriżulta minn proċeduri nazzjonali mhux armonizzati ta' eżenzjoni ta' tmiem is-serje, bħal mekkaniżmi ta' kwoti jew ta' data limitu li jvarjaw, għandu jiġi ssimplifikat il-qafas ta' reġistrazzjoni. Il-proċeduri attwali joħolqu burokrazija bla bżonn kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għalhekk, jekk id-data tal-produzzjoni ta' vettura tippreċedi l-applikazzjoni ta' rekwiżit legali ġdid, iċ-ċertifikat ta' konformità tagħha jenħtieġ li jibqa' validu, u b'hekk titneħħa l-ħtieġa ta' proċeduri onerużi ta' eżenzjoni ta' tmiem is-serje.

Emenda 136
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 49

Test fis-seħħ		*Emenda*
Artikolu 49	***(1a)***	***Jitħassar l-Artikolu 49***
It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-		

ċirkolazzjoni ta' vetturi ta' tmiem is-serje

1. Soġġett għal-limiti speċifikati fil-Parti B tal-Anness V, u biss għal perijodu limitat ta' żmien kif speċifikat fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirreġistraw u jippermettu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha ma għadhiex aktar valida.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi fit-territorju tal-Unjoni li kienu koperti b'approvazzjoni tat-tip tal-UE fil-mument tal-produzzjoni tagħhom u li ma kinux ġew irreġistrati jew tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni qabel dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tilfet il-validità tagħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss, fil-każ ta' vetturi kompleti, għal perijodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha skadiet il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, fil-każ ta' vetturi kompluti, għal perijodu ta' 18-il xahar minn dik id-data.

3. Manifattur li jixtieq igawdi mill-paragrafu 1 għandu jibgħat talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru konċernat mir-reġistrazzjoni jew mit-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi inkwistjoni. It-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li minħabba fihom dawk il-vetturi mhumiex konformi mar-rekwiżiti tekniċi l-ġodda.

L-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu tali talba, jekk jippermettux ir-reġistrazzjoni jew mit-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' dawk il-vetturi fit-territorju tagħhom, u f'dak il-każ, in-numru ta' tali vetturi.

4. L-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri adatti biex jiżguraw li l-għadd ta' vetturi li jiġu reġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fil-qafas tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu jkun immonitorjat b'mod effettiv.

Or. en

(32018R0858)

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli attwali ta' Tmiem is-Serje jirrikjedu li l-manifatturi jew is-sidien japplikaw għal eżenzjonijiet meta l-vetturi ma jiġux irreġistrati qabel ma jidħlu fis-seħħ rekwiżiti regolatorji ġodda. Peress li l-proċeduri jvarjaw bejn l-Istati Membri, dan joħloq piżijiet amministrattivi u inċertezza legali bla bżonn mingħajr ma jipprovdi benefiċċji ċari. Peress li l-ħżin tal-vetturi huwa għali, ma hemm l-ebda inċentiv biex dawn jinħażnu xorta waħda. Għalhekk, Ċertifikat ta' Konformità validu għandu jibqa' validu jekk il-vettura tkun ġiet manifatturata qabel ma japplikaw ir-regoli l-ġodda.

Emenda 137
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 48

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:
It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi ***minbarra l-vetturi ta' tmiem is-serje***	It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha hija obbligatorja, jew li għalihom il-manifattur kiseb dik l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità validu maħruġ f'konformità mal-Artikoli 36 u 37.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha hija obbligatorja, jew li għalihom il-manifattur kiseb dik l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità validu maħruġ f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 ***fid-data tal-manifattura***.
Ir-reġistrazzjoni u t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mhux kompleti jistgħu jiġu rrifjutati sakemm il-vetturi jibqgħu mhux kompleti. ***Ir-reġistrazzjoni u***	***Ir-reġistrazzjoni u t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mhux kompleti jistgħu jiġu rrifjutati sakemm il-vetturi jibqgħu mhux kompleti.***

t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mhux kompleti ma għandhomx isiru biex tiġi evitata l-applikazzjoni tal-Artikolu 49.	
2. L-għadd ta' vetturi prodotti f'serje żgħar li jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, li jiġu rreġistrati, jew li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni matul l-istess sena ma għandux jaqbeż il-limiti annwali kwantitattivi stipulati fl-Anness V.	2. L-għadd ta' vetturi prodotti f'serje żgħar li jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, li jiġu rreġistrati, jew li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni matul l-istess sena ma għandux jaqbeż il-limiti annwali kwantitattivi stipulati fl-Anness V.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli attwali ta' Tmiem is-Serje jirrikjedu li l-manifatturi jew is-sidien japplikaw għal eżenzjonijiet meta l-vetturi ma jiġux irreġistrati qabel ma jidħlu fis-seħħ rekwiżiti regolatorji ġodda. Peress li l-proċeduri jvarjaw bejn l-Istati Membri, dan joħloq pożijiet amministrattivi u inċertezza legali bla bżonn mingħajr ma jipprovdi benefiċċji ċari. Peress li l-ħżin tal-vetturi huwa għali, ma hemm l-ebda inċentiv biex dawn jinħażnu xorta waħda. Għalhekk, Ċertifikat ta' Konformità validu għandu jibqa' validu jekk il-vettura tkun ġiet manifatturata qabel ma japplikaw ir-regoli l-ġodda.

Emenda 138
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	L-Artikolu 48(1) huwa emendat kif ġej:
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha hija obbligatorja, jew li għalihom il-manifattur kiseb dik l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità validu maħruġ f'konformità mal-Artikoli 36 u 37.	"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha hija obbligatorja, jew li għalihom il-manifattur kiseb dik l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità validu maħruġ f'konformità mal-Artikoli 36 u 37 ***fid-data tal-manifattura***. ***"***

Or. en

(02018R0858-20240701)

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu eliminati l-frammentazzjoni tas-suq u l-piż amministrattiv li jirriżulta minn proċeduri nazzjonali mhux armonizzati ta' eżenzjoni ta' tmiem is-serje, bħal mekkaniżmi ta' kwoti jew ta' data limitu li jvarjaw, għandu jiġi ssimplifikat il-qafas ta' reġistrazzjoni. Il-proċeduri attwali joħolqu burokrazija bla bżonn kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Għalhekk, jekk id-data tal-produzzjoni ta' vettura tippreċedi l-applikazzjoni ta' rekwiżit legali ġdid, iċ-ċertifikat ta' konformità tagħha jenħtieġ li jibqa' validu, u b'hekk titneħħa l-ħtieġa ta' proċeduri oneruži ta' eżenzjoni ta' tmiem is-serje.

Emenda 139
François-Xavier Bellamy, Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 29, għandu jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:
	3a. Għandha tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' vettura bil-mutur li tikkonforma mad-dettalji pprovduti fil-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II. Sal-1 ta' Jannar 2036, it-tipi ta' vetturi ġodda u eżistenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip f'dan ir-Regolament, kif stabbilit fl-Anness II. Iż-żidiet mad-dispożizzjonijiet tal-Anness II applikabbli mill-1 ta' Jannar 2026 jew aktar tard ma għandhomx ikunu obbligatorji għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi sħaħ.

Or. en

Emenda 140
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Fl-Artikolu 5, għandu jiżdied il-paragrafu 4a li ġej:
	4a. Ir-rekwiżiti tekniċi adottati skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati b'mod proporzjonat u teknoloġikament newtrali u ma għandhomx jimponu kostijiet bla bżonn fuq l-operaturi ekonomiċi, il-konsumaturi jew l-awtoritajiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 141
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu 4b li ġej:
	4b. Ir-rekwiżiti tekniċi skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq standards Ewropej jew internazzjonali miftuħa, armonizzati u mhux proprjetarji u għandhom jibqgħu konsistenti mar-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-infrastruttura tal-irriċarġjar skont ir-Regolament (UE) 2023/1804 u l-atti delegati relatati;

Or. en

Emenda 142
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu 4c li ġej:
	***4c. Ir-rekwiżiti tekniċi adottati skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jagħmlu l-kapaċità tas-sistema mill-vettura għall-grilja jew il-komponenti tekniċi speċifiċi obbligatorji għat-tagħmir tal-irriċarġjar privat meta tali funzjonalità tkun tinvolvi kostijiet addizzjonali sproporzjonati jew ma tkunx applikabbli b'mod raġonevoli fil-kuntest tal-installazzjoni rilevanti;**

Or. en

Emenda 143
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1d (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 5 – paragrafu 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu 4d li ġej:
	***4d. Ir-rekwiżiti tekniċi adottati skont il-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-partijiet terzi awtorizzati jkollhom aċċess ġust u mhux diskriminatorju għad-data u s-sinjali ta' kontroll meħtieġa għall-forniment ta' servizzi ta' ċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali, soġġett għall-kunsens tal-utent u d-dritt applikabbli tal-**

Unjoni;

Or. en

Emenda 144
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 41 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fl-Artikolu 41, jiżdied il-paragrafu 5a li ġej:
	5a. B'deroga minn dan il-paragrafu 1, manifattur jista' japplika mal-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru għal approvazzjoni tat-tip intermedja tal-UE għal tip ta' vettura awtomatizzata kompletament tal-kategorija M jew N prodotta f'serje żgħar, maħsuba għal użu kummerċjali minn qabel f'dominju tad-disinn operazzjonali definit għall-fini ta' validazzjoni kontinwa fid-dinja reali tas-sistema tas-sewqan awtomatizzat. Tali approvazzjoni għandha tkun soġġetta għal limiti kwantitattivi annwali, kondizzjonijiet operattivi, obbligi ta' monitoraġġ waqt l-użu u perjodu massimu ta' validità ta' tliet snin, li jistgħu jiġġeddu għal perjodi suċċessivi ta' durata ugwali dment li l-istess obbligi jibqgħu jiġu sodisfatti. Approvazzjoni tat-tip intermedja mogħtija skont dan il-paragrafu għandha tiġi rikonoxxuta u kkunsidrata valida fit-territorju kollu tal-Unjoni fil-limiti tal-qasam tad-disinn operazzjonali speċifikat fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni.
	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-

Artikolu 82, li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi applikabbli, il-limiti kwantitattivi, il-kundizzjonijiet operazzjonali, ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-kundizzjonijiet li taħthom id-data operazzjonali miġbura matul il-perjodu intermedju tal-approvazzjoni tat-tip tista' tintuża bħala evidenza ta' validazzjoni b'appoġġ għal applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip sħiħa tal-UE ta' vettura sħiħa, u temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament kif xieraq. Tali kundizzjonijiet, limiti u tariffi relatati jenħtieġ li jqisu b'mod xieraq id-daqs tal-impriżi, filwaqt li jiżguraw li l-SMEs u n-negozji ġodda innovattivi jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn tali proċedura.

Or. en

(32018R0858)

Emenda 145
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1b (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 43a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	jiddaħħal l-Artikolu 43a li ġej:
	Artikolu 43a
	Rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-ittestjar u l-użu ta' vetturi awtomatizzati
	1. Kwalunkwe awtorizzazzjoni nazzjonali mogħtija minn Stat Membru għall-ittestjar jew l-użu kummerċjali ta' vetturi awtomatizzati u awtomatizzati kompletament fit-toroq pubbliċi għandha tiġi rikonoxxuta bħala valida fit-territorju kollu tal-Unjoni fil-limiti tad-dominju tad-disinn operazzjonali speċifikat f'dik l-awtorizzazzjoni.

2. Meta żewġ Stati Membri jew aktar ikunu stabbilew ambjent tal-ittestjar transfruntier għas-sistemi tas-sewqan awtomatizzat, l-awtorizzazzjonijiet tal-ittestjar mogħtija minn Stat Membru parteċipanti wieħed fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' dak l-ambjent tal-ittestjar għandhom jiġu rikonoxxuti awtomatikament mill-Istati Membri parteċipanti l-oħra, dment li l-vetturi jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli tal-Unjoni.

3. Stat Membru jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent skont il-paragrafi 1 u 2 biss għal raġunijiet debitament ġustifikati relatati mas-sikurezza fit-toroq u fi żmien 30-il jum tax-xogħol biss minn meta jiġi nnotifikat bl-awtorizzazzjoni. Meta ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni motivata f'dak il-perjodu, l-awtorizzazzjoni għandha titqies rikonoxxuta u valida fit-territorju kollu tal-Unjoni.

4. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni, ir-rikonoxximent u l-kondiviżjoni tad-data kif indikat f'dan il-paragrafu.

5. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, biex tistabbilixxi proċeduri armonizzati u mekkaniżmu għall-Unjoni kollha, ġestit mill-Kummissjoni jew minn korp maħtur tal-Unjoni, biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu u biex jiġu stabbiliti l-ġbir u t-trażmissjoni ta' data operazzjonali mill-attivitajiet ta' ttestjar u ta' varar.

Or. en

(32018R0858)

Emenda 146
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1c (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2018/858
Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fl-Artikolu 22, jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:
	6a. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ta' vetturi awtomatizzati jew vetturi awtomatizzati kompletament, manifattur jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE fi stadju bażi ta' vettura mhux kompluta bħala pjattaforma lesta għall-ADS, li tiċċertifika li l-elementi tal-hardware tal-vettura jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont dan il-paragrafu, indipendentement mis-software tas-sistema tas-sewqan awtomatizzat li għandu jiġi integrat fi stadju sussegwenti. Approvazzjoni tat-tip tal-UE fi stadju finali li tkopri l-integrazzjoni tas-sistema tas-sewqan awtomatizzat għandha tingħata f'konformità mal-paragrafu 4 u mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2019/2144 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1426.
	Approvazzjoni tat-tip tal-UE fi stadju bażi mogħtija bħala pjattaforma lesta għall-ADS skont dan il-paragrafu ma għandhiex tkun ristretta għal tip wieħed ta' vettura fejn il-manifattur jew il-fornitur tat-teknoloġija juri li l-istess ADS, li tikkonsisti f'kombinazzjoni definita ta' hardware u software, tista' tiġi integrata f'diversi tipi ta' vetturi bażi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi. F'każ bħal dan, l-approvazzjoni għandha tidentifika l-ADS ikkonċernata u l-firxa ta' vetturi bażi li tapplika għalihom.
	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data sitt xhur wara

d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, biex tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-hardware għall-vetturi bażi lesti għall-ADS, inklużi rekwiżiti relatati mal-kopertura tas-sensuri, l-istandards tal-pjattaforma tal-computing u r-ridondanza tal-attwaturi u l-livelli ta' integrità tas-sikurezza funzjonali, kif ukoll speċifikazzjonijiet standardizzati tal-interfaċċa tal-hardware tas-software għall-integrazzjoni tas-sistemi tas-sewqan awtomatizzati fl-istadju finali tal-approvazzjoni, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-pjattaformi tal-vetturi u s-software tas-sistema tas-sewqan awtomatizzat żviluppat minn manifatturi differenti.

Or. en

(32018R0858)

Emenda 147
Nicolás González Casares, Rosa Serrano Sierra, Javi López, Laura Ballarín Cereza, César Luena, Leire Pajín

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:
	"5a. Il-vetturi tal-kategoriji M1 u N1 għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' Detezzjoni tal-Preżenza tat-Tfal li tkun kapaċi tidentifika l-preżenza ta' tfal li jkunu għadhom fil-kabina tal-passiġġieri wara li l-vettura tkun intfiet jew issakkret u li tipprovdi twissija f'waqtha lis-sewwieq jew lill-utent tal-vettura u, fejn xieraq, twissija ta' eskalazzjoni jew intervent."

Or. en

(32019R2144)

Emenda 148
Nicolás González Casares, Rosa Serrano Sierra, Javi López, Laura Ballarín Cereza, César Luena, Leire Pajín

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu -1 a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 7(6), il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
6. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta dispożizzjonijiet rigward proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi minn 2 sa ***5*** ta' dan l-Artikolu.	6. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta dispożizzjonijiet rigward proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi minn 2 sa ***5a*** ta' dan l-Artikolu.

Or. en

(32019R2144)

Emenda 149
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament	5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89. ***Din l-eżenzjoni ma***

tan-NU Nru 89..	***għandhiex tapplika għal vetturi li jkunu trakkijiet pick-up***.
	Bħala parti mir-rapport ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 14, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ġustifikazzjoni kontinwa għal din l-eżenzjoni. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor bħala parti mir-riežami msemmi fl-Artikolu 14, l-eżenzjoni tieqaf tapplika mill-31 ta' Diċembru 2031."

Or. en

Emenda 150
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89..	5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 imħaddma ***esklużivament*** permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89. ***Din l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għal vetturi li jkunu trakkijiet pick-up***.

Or. en

Emenda 151
Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) Il-vetturi tal-kategorija ***N_2*** imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.	(5a) Il-vetturi tal-kategorija ***N2*** imħaddma permezz tal-elettriku***, vetturi purament elettriċi, vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament u vetturi b'ċellola tal-fjuwil***, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun hemm formulazzjoni ċara rigward il-kamp ta' applikazzjoni, bl-użu ta' termini minquxa fil-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, ikun aħjar li tiġi evitata formulazzjoni ġenerika bħal "vetturi mmexxija permezz tal-elettriku" u li jintużaw kategoriji tekniċi ċari.

Emenda 152
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89**.**	5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 imħaddma ***esklużivament*** permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.

Or. en

Emenda 153
Elisabeth Dieringer, Rachel Blom, Virginie Joron, Klara Dostalova, Roman Haider, Vilis Krištopans, Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-vetturi tal-kategorija N $_2$ ***imħaddma permezz tal-elettriku,*** b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89**.**	5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-vannijiet fil-faxxa ta' 3,5–4.25 t spiss jidħlu fil-kategorija N2 minħabba l-piż żejjed tar-rekwiżiti ta' sikurezza obbligatorji suċċessivi introdotti f'dawn l-aħħar deċennji, mhux profil ta' riskju ogħla, u tipikament jitħaddmu minn SMEs u ħaddiema tax-xogħol tal-idejn fit-trasport nazzjonali. Il-ħtieġa ta' regolatur tal-veloċità biss għal vannijiet mhux elettriċi tal-istess klassi żżid il-kost u l-burokrazija mingħajr ebda gwadann fis-sikurezza, peress li t-testijiet tas-sikurezza tal-approvazzjoni tat-tip japplikaw irrispettivament mill-propulsjoni. Eżenzjoni teknoloġikament newtrali tirrifletti r-regola tat-takografu u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 89.

Emenda 154
Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-vetturi tal-kategorija N $_2$ ***imħaddma permezz tal-elettriku,*** b'massa	5a. Il-vetturi tal-kategorija N_2 b'massa massima mgħobbija teknikament

massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89..	permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.

Or. en

Emenda 155
Luis-Vicenţiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5a. Il-vetturi tal-kategorija ***N*** ***2*** imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89..	5a. Il-vetturi tal-kategorija ***N2***imħaddma permezz tal-elettriku ***jew tal-idroġenu***, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.

Or. en

Emenda 156
Valérie Devaux, Andreas Schwab, Michael Bloss, Merja Kyllönen, Grégory Allione, Benoit Cassart, Nikola Minchev, Katri Kulmuni, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jiddaħħal Artikolu 8a ġdid:
	Rekwiżiti tas-sikurezza għal sistemi li joqogħdu eżatt mal-manku tal-bieba jew li

jinġibdu lura

1. Il-vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1 mgħammra b'mankijiet tal-bibien esterni li jistgħu jinġibdu lura jew jintużaw b'mod elettroniku għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li tali mankijiet ikunu jistgħu jinfetħu f'każ ta' nuqqas ta' enerġija, ħabta, iffriżar jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza inkluż nar tal-vettura u immersjoni fl-ilma.

2. Dawn il-mankijiet għandhom jinkludu sistema mekkanika li tipprevali, indipendenti mill-provvista elettrika u li tippermetti l-ftuħ intern u estern manwali.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat sabiex tistabbilixxi regoli dettaljati u rekwiżiti tekniċi għas-sikurezza ta' tali mankijiet.

Or. en

(32019R2144)

Emenda 157
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2019/2144, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:
	"Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konċessjoni fl-Artikolu 9, il-paragrafu 5a, għal vetturi tal-kategorija N2 imħaddma permezz tal-elettriku, b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellati, li ma jkunux mgħammra b'regolaturi tal-veloċità f'termini ta' riskji potenzjali għas-sikurezza u titjib fid-densità tal-enerġija tal-batterija li jistgħu

jappoġġaw ir-reviżjoni 'l isfel taċ-ċifra ta' 4,25 tunnellati. Jekk l-evalwazzjoni tappoġġa tali reviżjoni, din għandha tkun limitata għal produzzjonijiet ġodda minn ċerta data, u l-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva kif xieraq."

Or. en

(32019R2144)

Ġustifikazzjoni

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt skont din il-proposta leġiżlattiva u għalhekk għandha ssir evalwazzjoni xierqa bħala parti mir-rieżami ta' 2019/2144.

Emenda 158
Andreas Schwab, Andrea Wechsler, Markus Ferber, Jens Gieseke, Zala Tomašič, Marion Walsmann, Engin Eroglu, Norbert Lins, Oliver Schenk, Christian Doleschal, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 9 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 2019/2144, jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:
	5b. Sal-31 ta' Diċembru 2029, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2), il-punt (a), rigward il-livell tal-limiti tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għall-vetturi tal-kategoriji M2, N2, M3 u N3 stabbiliti fit-Tabella 8 tal-Anness I.

Or. en

(32019R2144)

Ġustifikazzjoni

Dawn l-emendi huma relatati mal-limiti tal-emissjonijiet tal-brejkijiet għal vetturi heavy-duty u ħfief. Minħabba li mira ta' tnaqqis ta' 90 % tal-emissjonijiet tas-CO_2 tippermetti li l-vetturi

tal-kombustjoni interna u dawk ibridi jibqgħu disponibbli wara l-2035, il-limiti proposti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet iridu jiġu riveduti biex jakkomodaw diversi teknoloġiji tas-sistema tal-motopropulsjoni pjuttost milli biss vetturi elettriċi plug-in. Barra minn hekk, il-limiti futuri għall-vetturi heavy-duty iridu jibbilanċjaw l-impatti tas-sewqan urban u suburban maż-żieda rapida tal-flotot elettrifikati fuq bażi ta' kostijiet-benefiċċji, allinjati mar-rieżami tar-Regolament (UE) 2024/1257.

Emenda 159
François Kalfon, Vivien Costanzo, Christel Schaldemose, Mohammed Chahim, Pierre Jouvet, Sakis Arnaoutoglou, Johan Danielsson, Laura Ballarín Cereza, Heléne Fritzon, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2019/2144
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/2144, jiddaħħal il-punt (ga) li ġej:
	"(ga) sistema ta' interruzzjoni tal-iċċarġjar fil-vettura għall-vetturi elettriċi, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati skont l-Artikolu 12."

Or. en

(32019R2144)

Ġustifikazzjoni

Il-punti tal-iċċarġjar spiss ikunu jinsabu f'żoni remoti jew iżolati, fejn l-okkupanti jistgħu jiffaċċjaw sitwazzjonijiet li fihom il-ħruġ sikur mill-vettura biex tiġi interrotta sessjoni tal-iċċarġjar ma jkunx possibbli. Mekkaniżmu standardizzat fil-vettura li jippermetti lis-sewwieq jinterrompi l-iċċarġjar fi kwalunkwe mument jindirizza dan in-nuqqas ta' sikurezza. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inklużi r-rekwiżiti tal-interfaċċa u tal-interoperabbiltà mal-istandards tal-iċċarġjar eżistenti, għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 12, li jiżgura l-allinjament mal-istandards rilevanti.

Emenda 160
Jan-Christoph Oetjen, Benoit Cassart, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 3 – subparagrafu 2 – punt 50a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt 50a li ġej:
	(50a) Vettura li taħdem esklużivament bil-fjuwils eliġibbli (VEEF) tfisser karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa li taħdem esklużivament bil-fjuwils eliġibbli matul il-ħajja tagħha;

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' kategorija għall-vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils eliġibbli tiżgura n-newtralità teknoloġika u kundizzjonijiet ekwi mal-vetturi elettriċi bil-batterija.

Emenda 161
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 2 – subparagrafu 2 – punt 50c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 3, jiddaħħal il-punt (50ca) li ġej:
	(50ca) "sistema ta' inċitament tal-fjuwil" tfisser sistema ddisinjata biex tipprekludi vettura li taħdem esklużivament bi fjuwils eliġibbli milli tuża fjuwils għajr dawk eliġibbli;

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

Fil-każ tat-tħaddim ta' vettura bi fjuwils mhux eliġibbli, hija meħtieġa sistema ta' inċitament. Is-sistema ta' inċitament tal-fjuwil għandha tkun iddisinjata biex fl-aħħar stadju tiddiżattiva l-vettura f'każ li jkunu ġew introdotti fjuwils fossili, iżda biss wara li sistema ta' twissija

flessibbli u li teskala tkun wissiet lis-sewwieq dwar is-sitwazzjoni.

Emenda 162
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 50b (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 3(2), jiddaħħal il-punt li ġej:
	(50b) "Fjuwils eliġibbli" tfisser il-fjuwils kollha definiti mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (UE) 2018/2001, li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà ta' dik id-Direttiva.

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

Dan l-approċċ jiggarantixxi l-koerenza legali fil-leġiżlazzjoni kollha tal-UE.

Emenda 163
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 50c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 3(2), jiddaħħal il-punt 50c li ġej:
	(50ca) "monitor tal-forniment tal-fjuwil" tfisser apparat iddisinjat biex jivverifika li vettura li taħdem esklużivament bi fjuwils eliġibbli tiġi fornuta biss bi fjuwils

eliġibbli;

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun jista' jiġi vverifikat li vettura qed taħdem esklużivament bi fjuwils eliġibbli, huwa meħtieġ "monitor tal-forniment tal-fjuwil" biex jagħti prova li l-vettura rispettiva hija fornuta biss b'dawn il-fjuwils eliġibbli.

Emenda 164
Stefano Cavedagna, Denis Nesci, Daniele Polato, Alexandr Vondra, Nicola Procaccini, Antonella Sberna, Pietro Fiocchi, Michele Picaro, Paolo Inselvini, Carlo Fidanza, Alberico Gambino, Carlo Ciccioli

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
5. Il-manifatturi ma għandhomx jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi b'apparati ta' manipulazzjoni jew bi strateġiji ta' manipulazzjoni.	"5. Il-manifatturi ma għandhomx jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi b'apparati ta' manipulazzjoni jew bi strateġiji ta' manipulazzjoni. ***Meta apparat jew strateġija jkunu ġew approvati mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 14(3), il-punti (a) sa (c) u l-Artikolu 14(4), il-punti (s) u (u) tiegħu, inkluż id-dokumentazzjoni rilevanti tiegħu, tali apparat jew strateġija ma għandhomx jikkostitwixxu apparat ta' manipulazzjoni jew strateġija ta' manipulazzjoni jew strateġija skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) 2018/858."***

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

Dawn l-emendi għandhom l-għan li jintroduċu moratorju ta' ħames snin fuq l-applikazzjoni ta' Euro 7 għall-vetturi heavy-duty. L-objettiv huwa li l-manifatturi jkunu jistgħu jiffukaw l-investimenti fuq id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri b'vetturi heavy-duty, f'konformità mal-miri klimatiċi u tas-CO2 tal-UE, filwaqt li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tkompli tħejji l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa biex tipprovdi lill-industrija b'ċertezza legali u żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni adegwat.

Emenda 165
Merja Kyllönen, Sebastian Tynkkynen, Pekka Toveri, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) Nru 2024/1257
Artikolu 4 – paragrafu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:
	"1a. Fir-rigward tal-vetturi heavy-duty u, fejn applikabbli, tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw b'mod kumulattiv u għandhom jiżguraw il-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet u d-disponibbiltà operazzjonali mingħajr interruzzjoni tal-vetturi u tal-magni fil-kundizzjonijiet operattivi normali u raġonevolment prevedibbli kollha fl-Unjoni. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jikkalibraw u jimmonitorjaw sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet li jibbażaw fuq reaġenti, inklużi sistemi ta' riduzzjoni katalitika selettiva, b'tali mod li dawk is-sistemi jżommu kapaċità funzjonali sħiħa fil-każijiet kollha ta' użu operattiv tipiċi tal-loġistika tat-trasport, il-kostruzzjoni, it-tħaffir fil-minjieri, il-forestrija, l-agrikoltura, il-ġestjoni tal-iskart u applikazzjonijiet industrijali u ta' servizzi kontinwi jew li jintużaw ħafna oħrajn. ***Fejn il-kundizzjonijiet, inklużi l-kundizzjonijiet li jwasslu għall-kristallizzazzjoni jew għall-iffriżar tar-reaġent, ifixklu jew x'aktarx ifixklu l-***

prestazzjoni tas-sistema, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet għandhom jiġu mmodifikati, adattati jew appoġġati minn soluzzjonijiet tekniċi alternattivi, inkluż l-użu ta' reaġenti alternattivi, mingħajr dewmien;

(b) għandu jintwera rendiment tal-emissjonijiet ekwivalenti u dan għandu jinżamm f'kull mument fil-kundizzjonijiet ta' tħaddim applikabbli kollha tal-ittestjar u tad-dinja reali;

(c) ma għandu jseħħ l-ebda tnaqqis fid-disponibbiltà operattiva li jaqbeż il-limiti meħtieġa sabiex tinżamm il-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet; u

(d) il-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli ma għandhiex tiġi sospiża, interrotta jew imnaqqsa taħt kwalunkwe kundizzjoni operattiva li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament."

Or. en

Emenda 166
Alexandr Vondra, Beatrice Timgren, Stefano Cavedagna, Ondřej Krutílek, Claudiu-Richard Târziu, Laurence Trochu, Adrian-George Axinia, Aurelijus Veryga

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness I taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III u jirrispettaw il-valuri ddikjarati fiċ-ċertifikat	Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness I taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III u ***jekk applikabbli*** jirrispettaw il-valuri

ta’ konformità u fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip għat-tul tal-ħajja tal-vettura, kif stipulat fit-Tabella 1 tal-Anness IV. Dawk il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi “Euro 7”.	***massimi tal-RDE*** ddikjarati fiċ-ċertifikat ta’ konformità u fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip għat-tul tal-ħajja tal-vettura, kif stipulat fit-Tabella 1 tal-Anness IV. Dawk il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi “Euro 7”. ***”***

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

Under Euro 7, compliance with exhaust emission requirements is demonstrated through the emission limits set out in Annex I and the test procedures specified in Annex III, namely the Worldwide Harmonised Light Vehicles Test Procedure (WLTP) and the Real Driving Emissions (RDE) procedure. For RDE compliance, the vehicle-specific performance envelope is defined solely by the maximum RDE values declared in the Certificate of Conformity (CoC), which serve as the basis for conformity assessment and in-service compliance verification. Restricting lifetime compliance obligations to these declared values provides legal certainty, is consistent with the concept of Not-To-Exceed (NTE) limits and conformity factors, and avoids extending enforceable requirements to other CoC parameters that are intended solely for information purposes or are relevant only to type approval.

Emenda 167
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:
	“Artikolu 4(a)
	Rekwiżiti u dispożizzjonijiet speċifiċi għal vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils eliġibbli (VEEF)
	1. Il-vetturi b’approvazzjoni tat-tip bħala vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils eliġibbli (VEEFs) għandhom, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament u fl-atti delegati u ta’ implimentazzjoni adottati skontu, jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan l-Artikolu. L-

emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 ta' VEEF għandhom ikunu ta' 0 g CO_2/km. Dan il-valur għandu jiġi rreġistrat fiċ-ċertifikat ta' konformità maħruġ skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2018/858 u għandu japplika għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/631. Il-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 ma għandux, il-kejl tal-konsum tal-fjuwil f'L/100 km għandu jkun meħtieġ fil-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, fil-verifika tal-konformità tal-produzzjoni jew fit-testijiet tal-konformità fis-servizz.

2. VEEF għandu jkun mgħammar b'monitor tal-forniment tal-fjuwil u b'sistema ta' inċitament tal-forniment tal-fjuwil. Tali sistemi għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u installati b'mod li jiżgura l-protezzjoni kontra t-tbagħbis. Il-bokka tal-fjuwil għandha tkun immarkata b'mod xieraq li jindika li l-magna titħaddem esklużivament bi fjuwils eliġibbli.

3. Il-monitor tal-forniment tal-fjuwil għandu jkun kapaċi jidentifika, waqt it-tħaddim tal-vettura u f'kull avveniment ta' riforniment, jekk il-vettura titħaddimx esklużivament bi fjuwils eliġibbli. B'mod partikolari, għandu jkun kapaċi jidentifika l-użu ta' fjuwils jew taħlitiet ta' fjuwils li ma jikkwalifikawx bħala fjuwils eliġibbli permezz ta' metodu ta' traċċar teknikament xieraq u t-taħlita ta' tali metodi. Tali metodu jista' jinkludi l-metodi li ġejjin ibbażati fuq l-approċċi li ġejjin jew kwalunkwe metodu ieħor ta' traċċar teknikament xieraq:

(a) sistema ta' traċċabbiltà diġitali minn tarf sa tarf għall-fjuwils eliġibbli tul il-katina tal-provvista tal-fjuwil, inkluż l-użu ta' rekords diġitali awtentikati u l-ewwel kuntatt diġitali li jorbtu l-avveniment tal-forniment mal-vettura u l-punt tal-forniment speċifiċi;

(b) detezzjoni abbord tal-użu ta' fjuwils mhux eliġibbli permezz tal-ipproċessar ta' sinjali u funzjonijiet eżistenti tal-vettura,

inkluži sinjali ġġenerati mill-unitajiet ta' kontroll tal-vettura u s-sistemi ta' sensuri assoċjati;

(c) identifikazzjoni abbord tal-kompożizzjoni tal-fjuwil permezz ta' detezzjoni molekulari, spettroskopiku jew analitiku komparabbli, li jippermetti verifika diretta ta' jekk il-fjuwil użat jikkwalifikax bħala fjuwil eliġibbli;

(d) komunikazzjoni bidirezzjonali sigura bejn il-vettura u t-tagħmir tal-forniment, inkluži kontrolli tal-awtentikazzjoni u tal-integrità għall-avveniment tal-forniment u, fejn applikabbli, mižuri tekniċi li jippermettu l-forniment bi fjuwils eliġibbli u jipprevjenu dak bi fjuwils mhux eliġibbli;

(e) sistema ta' allokazzjoni tal-bilanċ tal-massa, fejn il-kwantitajiet ta' fjuwils eliġibbli introdotti fis-suq jiġu evidenzjati minn rekords verifikabbli u allokati għall-użu ta' vetturi speċifiċi fi kwantitajiet li jikkorrispondu għall-konsum attribwibbli tagħhom; kif ukoll approċċ ta' bbilanċjar ibbażat fuq evidenza diġitali, fejn l-użu tal-fjuwil attribwibbli għal vettura jiġi traċċat u rikonċiljat ma' prova diġitali (inkluži ċertifikati jew rekords ekwivalenti) mingħajr il-ħtieġa tal-ewwel kuntatt ta' avveniment ta' forniment tal-fjuwil mal-punt tal-forniment; Meta l-monitor tal-forniment tal-fjuwil jidentifika li VEEF ma titħaddimx esklużivament bi fjuwils eliġibbli, is-sistema ta' inċitament tal-fjuwil għandha tiġi attivata awtomatikament.

4. Is-sistema ta' inċitament tal-fjuwil għandha twissi lis-sewwieq meta VEEF ma titħaddimx bi fjuwils eliġibbli u għandha tipprevjeni, wara sistema ta' twissija li teskala, it-tħaddim ulterjuri tal-vettura. Dan jista' jinkiseb, b'mod partikolari, billi finalment tipprevjeni lill-vettura milli tistartja (mill-ġdid).

5. B'deroga mill-paragrafu 4, is-sistema ta' inċitament tal-fjuwil tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tippermetti lis-

sewwieq jevitaha għal distanza limitata fejn tali evitar ikun meħtieġ sabiex tiġi evitata restrizzjoni sproporzjonata tal-mobbiltà, b'mod partikolari

(a) f'reġjuni tal-Unjoni fejn ma tkun disponibbli l-ebda għażla ta' forniment tal-fjuwil raġonevolment aċċessibbli bi fjuwils eliġibbli f'distanza ta' 100 kilometru; jew

(b) meta l-vettura titħaddem barra mit-territorju tal-Unjoni. L-evitar imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u ma għandux jippermetti li l-vettura titħaddem fuq bażi permanenti jew lil hinn mil-limitazzjoni tad-distanza mingħajr fjuwils eliġibbli.

6. Wara applikazzjoni mill-manifattur, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-moniter tal-forniment tal-fjuwil u/jew għas-sistema ta' inċitament tal-fjuwil, dment li tkun intweriet il-konformità ma' dan l-Artikolu. Tali approvazzjoni ma għandhiex, fiha nnifisha, tikkostitwixxi approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura bħala VEEF u għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit addizzjonali applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bħala VEEF. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-approvazzjonijiet kollha għall-moniter tal-forniment tal-fjuwil u/jew għas-sistema ta' inċitament tal-fjuwil mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien 30 jum mid-data tal-ħruġ. In-notifika għandha tinkludi sommarju newtrali tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-moniter tal-forniment tal-fjuwil approvat u/jew tas-sistema ta' inċitament tal-fjuwil. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tekniċi u proċedurali dettaljati għall-approvazzjoni tat-tip ta' moniters tal-forniment tal-fjuwil u/jew sistemi ta' inċitament tal-fjuwil.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta'

implimentazzjoni li jistabbilixxu proċeduri uniformi u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-VEEFs fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, inklużi r-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni kontra t-tbagħbis, l-ittestjar u l-applikazzjoni tad-deroga skont il-paragrafu 5. Dan jinkludi l-emendi meħtieġa tal-Annessi I, II, IX u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1706 u tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/683.

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4a jistabbilixxi l-bażi legali għal kategorija ġdida ta' vetturi, "vetturi fornuti esklużivament bi fjuwils eliġibbli" (VEEF). Il-paragrafu 3 tal-artikolu propost jiddefinixxi sett ta' metodoloġiji ta' monitoraġġ eliġibbli. Il-paragrafi 4 u 5 jintroduċu kunċetti ta' inċitament li jiżguraw il-konformità b'mod proporzjonat u faċli għall-utent. Il-paragrafu 6 jippermetti lill-Istati Membri japprovaw metodoloġiji ta' monitoraġġ addizzjonali li jistgħu jiġu żviluppati fil-futur. Il-paragrafu 7 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-atti ta' implimentazzjoni u delegati meħtieġa biex jiġi operazzjonalizzat il-kunċett tal-VEEF.

Emenda 168
Michael Bloss, Virginijus Sinkevičius, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:
	"1a. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li kwalunkwe sistema ta' posttrattament tal-egżost li tuża reaġent iżżomm il-funzjoni tagħha ta' kontroll tal-emissjonijiet fil-kundizzjonijiet ambjentali kollha, speċjalment f'temperatura ambjentali baxxa."

Or. en

(32024R1257)

Emenda 169
Jan-Christoph Oetjen, Andreas Glück, Svenja Hahn, Marjan Šarec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:
	"1a. Għal VEEF, il-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 ma għandux ikun meħtieġ, filwaqt li l-kejl tal-konsum tal-fjuwil f'L/100 km għandu jkun meħtieġ bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tat-tip. Fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet, il-manifattur għandu jindika li l-magna tal-vettura qed taħdem esklużivament bi fjuwils eliġibbli. Il-manifattur għandu jippreżenta wkoll informazzjoni dwar il-monitor tal-forniment tal-fjuwil u s-sistema ta' inċitament tal-fjuwil kif ukoll il-miżuri meħuda biex il-monitor tal-forniment tal-fjuwil u s-sistema ta' inċitament tal-fjuwil jiġu protetti mit-tbagħbis u minn modifiki mhux awtorizzati."

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-obbligi tal-manifatturi dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet. L-emenda hija aġġustament tekniku meħtieġ biex jiġu inklużi l-VEEFs kif ukoll l-informazzjoni dwar il-monitor tal-forniment tal-fjuwil u s-sistema ta' inċitament tal-fjuwil.

Emenda 170
Katri Kulmuni, Valérie Devaux, Nikola Minchev, Anna-Maja Henriksson, Merja Kyllönen, Elsi Katainen, Aura Salla, Mika Aaltola, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu -1 (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2024/1257
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1) Fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	2a. Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata fir-rigward tad-durabbiltà u n-nuqqas ta' rati anormali ta' falliment tas-sistema ta' injezzjoni tar-reaġent f'kundizzjonijiet dinamiċi li fihom ir-reaġent speċifikat fl-approvazzjoni tat-tip jiffriża u jinħall ripetutament. Tali sistemi għandhom ikunu jifilħu għar-rekwiżiti tat-tul tal-ħajja fit-Tabella 1 tal-Anness IV.

Or. en

(32024R1257)

Ġustifikazzjoni

A new paragraph 2a would require manufacturers to declare that the reagent injection system has been designed and constructed to withstand long-term use, including operation in cold conditions where the reagent is subject to repeated freezing and thawing cycles during normal driving and parking. There would be a reference to Table 1 of Annex IV defining the term of use to be considered when assessing compliance. Cold conditions would not be defined in absolute terms, but relative to the conditions below the freezing point of the reagent(s) declared by the manufacturer. This would represent a technologically neutral and proportionate way to regulate compliance as regards the durability and the absence of abnormal failure rates of reagent injection system in cold conditions. An abnormal failure rate exists where failures occurring below the freezing point of the reagent indicate a systematic deficiency in the design or durability of the system, rather than random or age-related failures.